# IL-PRESEPJU

Ħarġa 82 - Diċembru 2014



*Fuljett maħruġ mill-*
*Għaqda Ħbieb tal-Presepju Malta*

c/o Amaltea, 56, Triq il-Marg, Attard ATD 2382 - Malta

Newspaper Post

GĦAQDA ĦBIEB TAL - PRESEPJU
Malta
1986

Fuljett maħruġ kull tliet xhur
mill-Għaqda
Ħbieb Tal-Presepju,
Malta.

VO/0844

*Kull korrispondenza*
*għandha tiġi indirizzata*
lis-Segretarju,
is-Sur Charles A. Bellia
'Amaltea'
56, Triq il-Marġ,
Attard ATD 2382,
Malta

**IL-PRESEPJU**
jitqassam lill-membri
tal-Għaqda u għalhekk
biex tirċevih ħallas
il-miżata ta' €5 kull sena
lill-kaxxier.
Kontribuzzjonijiet oħra
tagħkom ħalli jinfdew
il-ħlasijiet ta'
l-istampar huma ferm
apprezzati.

Apprezzament speċjali jmur
għas-Sinjura Jessie Chircop
li ħadet ħsieb
il-'proof-reading'

# Werrej

L-Editorjal ..... 3
Kelmtejnmill-President ..... 4
Paġna għat-tfal... ..... 5
Il-Mostru li Jgħix Ġo Fija ..... 5
Presepju Ħaj Speċjali ..... 7
Il-Manna ta' San Nicola f-Bari ..... 8
Ma Xiex Kellha Tiltaqa' ..... 9
Il-Milied tal-llum u għada ..... 12
Milied 2010 ..... 13
Ġesù... l-Akbar Profeta ..... 16
Botta u risposta ..... 17
bejn Santa Claus u l-Bambin ..... 17
Leġġendi Għawdxin ..... 19
għal Żmien il-Milied ..... 19
Fil-Presepju ..... 27
Folklor tal-Milied ..... 29
Kont taf? ..... 32
Mid-Djarju tagħna ..... 33
Priedki tal-Milied ..... 37
Il-Milied fl-Arti ..... 39

**Stampat:** BEST Print CO. LTD
Żurrieq Road, Qrendi.
Tel: 2168 0789, 2164 9012
bestprint@maltanet.net

**Setting:**
**Aldo Busuttil**

**L-Għaqda Ħbieb tal-Presepju Malta, tixtieq tirringrazzja lil kull min kiteb f'din il-ħarġa tal-fuljett.**

# L-Editorjal

Fiż-żminijiet imqallba tal-lum, wieħed jikkonfondi jekk il-bniedem fehemx x' jiġifieri li fid-dinja jkun hawn il-paċi. Dawn l-avvenimenti li għaddejjin bħalissa fid-dinja, donna l-kelma PAĊI spiċċat mid-dizzjunarju tal-bniedem. Il-qawmien ta' organizzazzjoni Musulmana fid-dinja, l-ISIS, iridu bil-forza jġagħlu lil kulħadd jaqleb għal reliġjon musulmana akkost ta' kollox. Min ma jaqlibx jinqatel. Ħafna nies ta' twemmin differenti qed jaħarbu minn djarhom u minn pajjiżhom għax qed jiġu ppersegwitati. Dawn it-talin minflok paċi qed jiżirgħu mibgħeda , qerda u terrur, li huma totalment kontra dak li ġie fid-dinja għalih it-tarbija ta' Betlem. Il-messaġġ li ġieb il-Bambin, meta twieled f'għar ċkejken u kiesaħ, huwa l-oppost ta' dak li qegħdin ixerrdu l-moviment ta' ISIS. Kemm l-anġli kif ukoll il-Bambin wasslu l-imħabba, l-paċi, u l-hena lill-bnedmien ta' rieda tajba.

X'kuntrast ma' dak li l-bniedem qerriedi jrid ixerred. Irid jisforza t-twemmin tar-reliġjon li jħaddan huwa fuq dawk li ħlief ħruxija ma rawx minn għandhom. Fejn hija l-ugwaljanza? Fejn hija l-imħabba lejn il-proxxmu? Fejn hija t-tolleranza? Il-Bambin Ġesú huwa kompletament il-kontra. Ħobb il-proxxmu tiegħek; oħroġ idejk u għin il-batut; kun ta' sapport għal ħaddieħor. Il-Papa Franġisku qal ċar u tond li dawn l-avvenimenti li qed joħonqu l-bniedem għandhom jieqfu, għandhom jispiċċaw. Għandha terġa' tirrenja l-paċi u fejn hemm id-disgwid għandu jerġa jidħol id-djalogu. Għandna nħarsu lejn il-bniedem bħala tempju ta' kwalitajiet pożittivi. Inħarsu lejn il-bniedem bħala l-ġojjel tal-Bambin li tant ħabb li ta ħajtu għalih.

It-tama li fid-dinja terġa' tirrenja l-PAĊI, tibqa' tixgħel fil-qalb ta' "dawk ta' rieda tajba", kif ħabbar l-anġlu meta mar jagħti l-aħbar lir-ragħajja meta kienu jindukraw il-merħla tagħhom u l-paċi li ħassew dawk in-nies li marru jaduraw lit-tarbija ta' Betlem. Jien naħseb li l-paċi ma tiġix weħidha iżda trid taħdem għaliha. Trid tkun ippreparat li jekk hemm xi diżgwid bejnek u bejn ħaddieħor tkun lest li tirranġa d-differenza u tirranġa s-sitwazzjoni biex terġa' tirrenja l-kalma u l-paċi.

Aħna l-membri tal-Għaqda Ħbieb tal-Presepju huwa dmir tagħna li naraw kif il-kelma PAĊI tkun l-arma tagħna li biha nkunu nistgħu nkissru l-ħitan tal-firda, mibgħeda u suppervja li huma sors ta' uġigħ u ta' firda bejn il-bnedmin.

Minn hawn nixtieq nawgura l-Milied u s-Sena Tajba lill-kumitat, il-membri, u l-familjari tal-Għaqda Ħbieb tal-Presepju kif ukoll li tirrenja l-Paċi bejn il-bnedmin.

Minn qalbi nixtiqilkom Milied Hieni u s-Sena t-Tajba lilkom u l-familjari tagħkom.

Il-Paċi magħkom.

**Frans Chircop**
**Editur**

# Kelmtejn mill-President



**Andrew Spiteri**
**President**

Wasal Milied ieħor...għaddiet sena minn meta żarmajna l-wirja 2013. Kienet sena li fiha ħdimna kontinwament biex inkomplu nilħqu l-għanijiet tagħna. Ftit wara l-Laqgħa Ġenerali bdejna sensiela ta' lectures fuq aspetti differenti tal-presepju u imedjatament wara tlaqna bil-kors li għalih din is-sena kellna madwar erbgħin persuna kbar u żgħar kollha b'entużjażmu kbir biex jitgħallmu jibnu presepju tal-karta pesta jew jablo.

Hawn nixtieq nirringrazzja lil Charles Bellia u Joe Theuma li mexxew il-kors u lill-membri l-oħra tal-Kunsill li kienu dejjem hemm biex jagħtu daqqa t'id.

In-Notte Bianca din is-sena ma tantx tatna sodisfazzjon, in-nies ma tantx resqu lejn it-toroq laterali tal-Belt.  Minkejja dan xorta bqajna miftuħin u lqajna l-ftit nies li ġew iżuruna.  Mill-għada stess intfajna b'ruħna u ġisimna bil-preparazzjoni għal wirja annwali. Filwaqt li kien qed isir dan kollu kienet għaddejja preparazzjoni oħra għall-wirja li tellajna Aci Castello fi Sqallijja. Għadd ta' membri tawna għoxrin presepju biex jieħdu sehem f'din il-wirja. Dawn huma attivitajiet sbieħ għall-Għaqda tagħna għax bihom inkunu qed inwasslu l-kultura u l-artiġjanat tagħna 'l-barra min xtutna.

Fi ftit xhur oħra ser naslu għall-Laqgħa Ġenerali Annwali li matulha, kif probabbilment tafu, jrid jiġi magħżul Kunsill ġdid għas-sentejn li ġejjin. Avolja fadal ftit żmien, minn issa nixtieq inħeġġeġ lil dawk il-membri li jħossu li jistgħu jagħtu sehemhom f'dan ir-rigward biex jersqu 'l quddiem u jagħtu daqqa t'id u bl-idejat ġodda tagħhom jgħinu lill-Għaqda tkompli miexja bil-ħidma tagħha favur il-presepju.

Fl-aħħarnett nieħu din l-opportunita biex f'ismi u f'isem il-Kunsill Amminsitrattiv nawgura lill-membri u l-familji tagħhom l-isbaħ xewqat għal Milied Ħieni u Sena Ġdida mimlija risq u barka.

## ĠURNATA GĦAWDEX

**Nhar il-Ġimgħa 26 ta' Diċembru, 2014**

***Inżuru għadd ta' presepji maħduma minn dilettanti Għawdxin***

**Nitilqu minn ħdejn l-istatwa ta' KRISTU RE fil-Furjana fis-7.15 a.m.**
**u niġu lura mal-Vapur tal-5.15 p.m.**
**Aktar informazzjoni u Booking waqt fil-wirja…**
**in-numru jkun limitat… għalhekk aħseb kmieni!**

# Paġna għat-tfal...

Mamma Maria

# Il-Mostru li Jgħix Ġo Fija

Samira u Rachel kien ilhom jafu lil xulxin minn tfulithom. Kienu fl-istess klassi minn meta kienu fil-klassi tal-Kindergarten u baqgħu hekk sa ma għamlu s-sekondarja.

Samira riedet tkompli tistudja waqt li Rachel kellha tieqaf. Missierha kien weġġa' u kellu jieqaf mix-xogħol. Ħutha ż-żgħar kienu għadhom l-iskola u bil-pensjoni biss il-familja ma setgħetx tkampa. Rachel sabet xogħol fl-istess intrapriża fejn kien jaħdem missierha. Għall-ewwel sabitha sew bil-flus fil-but. Għalkemm kienet tagħti parti sewwa mill-paga lil ommha imma hassitha sinjura żgħira b'dak li kien jibqalha.

Samira kienet ġejja minn familja tat-tajjeb u spiss bdiet tixtri ħwejjeġ u make-up. Meta Rachel kienet tkun xtrat xi ħaġa tal-ħwejjeġ ġdida u kienet tħossha fis-



seba' sema, araha tfiġġ Samira b'xi ħaġa aqwa minn tagħha. Bil-kemm ma bdietx tissuspetta li kienet tagħmel hekk apposta biex tinkiha. Kif kull darba li tixtri xi ħaġa hi, Samira tixtri xi ħaġa sabiħa hi ukoll? Barra minn hekk Samira kienet tħobb tiddandan b'affarijiet tad-ditta. U għal Rachel dak kien kapriċċ li ma setgħet qatt tagħmlu.

Imbagħad waslet il-kbira! Samira bdiet toħroġ ma' Xandru. Għall-ewwel Rachel kienet bdiet taħseb li dan il-ġuvni kellu grazzja magħha. Kien juriha li kellu grazzja magħha u jikkumplimentaha fuq ħwejjiġha, fuq kemm kienet tfajla bil-għaqal u fuq kemm kienet intelliġenti. Bdiet toħlom li tkompli miegħu u li fil-futur, meta jaqta' xewqtu u jkun laħaq avukat, jiżżewġu u jagħmlu familja.

Li ma kienetx taf Rachel kien li Xandru kien iġib ruħu hekk ma' kulħadd; anke ma' Samira. Samira kienet tfajla gustuża ħafna u taf tuża ġmielha biex tiġbed il-ġuvintur. Rachel ukoll kienet issaħħrek bi ġmielha imma kienet aktarx grixtija. Xandru ra aktar inkoraġġiment minn għand Samira u fl-aħħar talabha toħroġ miegħu.

Ferħana ferħana qalet lil Rachel malli ltaqgħet magħha. Dik ħasset bħal stallett dieħel fiha imma ma tkellmet xejn. Ġabet skuża u ħalliet lil Samira bħall-Erbgħa fost il-ġimgħa. Minn dakinhar 'l quddiem bdiet issib skużi ta' spiss biex ma tikkuntattjax lil seħbitha. Spiċċat rari toħroġ għax issa Samira kienet aljenata ma' Xandru u l-ħbieb l-oħra ddejqu bil-gdiedem ta' Rachel.

Kien wasal il-Milied. Sewwa Samira u anke Rachel kienu jagħmlu parti minn grupp ta' żgħażagħ li kienu jarmaw il-presepju u jieħdu ħsieb l-attivitajiet tal-Milied fil-parroċċa. Rachel kellha tentazzjoni qawwija li ma tmurx imma fl-aħħar waħħlet f'moħħha li ma tpaxxix lil Samira. Marret lesta biex tibda x-xogħol.

Bejniethom, iż-żgħażagħ malajr bdew ix-xogħol biex jarmaw il-partijiet differenti tal-presepju. Rachel u Samira dehru ndifferenti lejn xulxin. Kienu ilhom ħafna ma jitkellmu. Rachel kellha geddum sal-art. Samira mhux anqas minnha. Fl-aħħar Rachel resqet lejha biex tkellimha. Ċediet u kellmitha. Fuq kollox l-iskop tal-presepju mhux li żżejjen is-sala imma li tgħix it-tagħlim ta' Ġesù. Iż-żewġ tfajliet kienu reġgħu sabu l-ħbiberija li kienet birdet bejniethom.

Il-presepju kien fakkarhom fil-veru sinifikat tal-Milied . Il-Bambin Ġesù li poġġew fil-maxtura dak inhar kien sar simbolu tat-twelid mill-ġdid f'ħajjithom.

*Aktar tagħrif u informazzjoni dwar*
*l-***Għaqda Ħbieb tal-Presepju**
*tistgħu ssibuh fuq*
**www.presepjumalta.org**

# Presepju Ħaj Speċjali

Marianne Tabone

L-għalliema ta' Karl kienet tinkwieta ħafna fuqu. Kienet bagħtet għal ommu kemm – il darba imma is-sinjura flok żammet mal-għalliema u wissiet lit-tifel, żammet ma' Karl u akkużat lil Ms. Borg li kienet qabdet mat-tifel u hedditha li kienet se tirrappurtaha lill-ministru.

Dak li kien verament ikidd lil Ms. Borg kien li Karl kellu vizzju ikrah li jkun bully ma' uħud mit-tfal tal-klassi u anke jaħqar l-annimali. Darba marret kmieni l-iskola biex tħejji xi xogħol qabel jaslu t-tfal. Inkwetat ħafna meta rat lil Karl idawwar oġġett b'idu qabel telqu minn idu. Marret ħdejn it-tifel bil-mod biex tara x'kien qed jagħmel. Sabet li dak l-oġġett kien ferħ ta' qattus. Malli Karl induna bl-għalliema ipprova jaħrab. Jidher li ma kienx laħaq weġġgħu sewwa lil dak il-ferħ ta' qattus għax malli dak sab ruħu fl-art tgħidx kemm ġera!

Ms. Borg daħħlet lil Karl fil-klassi u bdiet tkellmu b'mod sod imma bil-kalma kemm setgħet. Ma deherx li kien qiegħed jagħti kas wisq. Meta bdew il-lezzjonijiet marret għand il-Kap u rrakkuntatilha x'kien ġara. Ċemplet 'l ommu u talbitha tiġi l-iskola. U hemm skantat b'kif ġabet ruħha ommu. Żammet mat-tifel u saħansitra heddet lill-għalliema. Bil-kemm ma qalitx li l-għalliema kienet ivvintat l-istorja fuq Karl.

Għadda ż-żmien u Ms. Borg reġgħet qabdet lil Karl jerġa' jaħqar kelb ċkejken did-darba. Indunat li ma setgħetx ma' tagħmilx xi ħaġa. Din kienet ħaġa serja ħafna. Qabel ma tirreferi lit-tifel lill-psikologu tal-iskola waħħlet f'moħħha li tipprova tagħmel xi ħaġa hi stess. U bdiet taħseb x'setgħet tagħmel.

Kien beda Diċembru u Ms. Borg kellha l-inkarigu li tarma l-Presepju l-kbir fis-sala tal-iskola. Din kienet attivita li kienet tagħmel mat-tfal tal-klassi. Għamlet enfasi kbira kif il-Bambin Ġesù kienu għenuh l-annimali u nistgħu nimmaġinaw kemm kien iħobbhom. Lil Karl qabbditu jpoġġi l-ħmara u l-baqra ħdejn il-maxtura fejn il-Bambin.

Kien għad baqa' x'isir biex ikun lest il-Presepju. L-għada filgħodu ħabirku bil-lezzjonijiet biex ikunu jistgħu jkomplu l-presepju. Marru bil-kwiet fis-sala u Ms. Borg fetħet kaxxa oħra fejn kien hemm aktar pasturi.

F'daqqa waħda tifel mar ħdejha u ġibidha għal ħdejn il-presepju. Fil-maxtura fejn suppost ikun hemm il-Bambin kien hemm ferħ ta' qattus rieqed fuq it-tiben. Ms. Borg għamlet sinjal biex joqogħdu kwieti biex ma jagħtuhx ħasda. Hekk kien. Dak id-daqsxejn ta' ferħ ta' qattus fetaħ għajnejh imma ma ħarabx. Ms. Borg indunat li anke Karl kien qed jiggustah. Iddeċidiet li jieħdu ħsiebu fl-iskola stess.

Dak inhar komplew jarmaw il-Presepju u l-Madonna u San Ġużepp sabu ruħhom f'posthom, ir-rgħajja, n-ngħaġ u l-anġli, l-għaġeb tal-presepju u l-figuri kollha daħlu fix-xena. Ms. Borg il-ħin kollu bdiet tiġbed l-attenzjoni tat-tfal li f'dak il-lejl qaddis anke l-annimali kellhom posthom.

Ms. Borg ma damitx ma ndunat li Karl kien dejjem jaħseb biex iġib xi ikel għall-qattus. Il-Milied għadda u anke aktar żmien u l-klassi kompliet dak l-att ta' mħabba li kien beda fil-Milied ta' dik is-sena. Il-qattus kiber u sbieħ u Karl wera li l-Presepju ta' dik is-sena kien ħalla effett kbir fuq l-imġiba tiegħu. Minn tifel li l-gost tiegħu kien li jaħqar l-annimali u jkun bully ma' sħabu issa sar tifel qalbu tajba ma' kulħadd.

# *Il-Manna ta' San Nicola f-Bari*

Wara l-mewt ta' missieri il-proċess iebes u fl-istess ħin ta' uġigħ tal-qalb huwa meta tkun trid tibda' żżarma l-affarijiet mid-dar fejn tkun għext ħajtek kollha. Kull oġġett li beda jiġi f'idejna beda jġib il-memorji sbieħ u koroh li għaddejna minnhom il-familja tagħna. Id-dmugħ ma naqasx li l-jġġeleb ma' ħaddejna. Kellna kemm il-darba nieqfu għax l-għafsa tal-qalb tkun kbira wisq. Pero' qalb dawn il-memorji u taqlib ta' karti ġie f'idejha ktieb sfuljat li jirrakonta il-ħajja tal-qaddisin. Fosthom hemm silta fuq San Nikola ta' Bari miktub bil-Malti Taljan ċirca l-1934. F'dawn iż-żminijiet kienet qawwija l-ġlied għall-għarfien ta' bejn it-Taljan jew l-Ingliz fl-iskejjel. Tajjeb li wieħed jipproduċi s-silta eżatt kif ġiet ippublikata.

***L-għadam ta San Nicola Iskof u Traumaturgu gie' ittrasportat minn Licia geuua l-Italia u 'mkigħed f'Bari fis-sena 1087 fid-9ta' Mejju. Fit-trasport stess saru bosta miracli u fill cors ta tant secoli għadhom siru bl-intercessioni ta dan il kaddis, li huua miżmum f-venerazioni cbira mad-dinja colla, tant millcnisja latina, chem ukoll mill cnisja griega għall cbira fama tall miracli tigħou. San Nicola, imuieled f'Patara, leuuel chien patri f'Mira, u 'mbgħad Iskof ta Licia; f-ħaitu għamel għeġiubièt cbar, u uisk sofra għall fidi nisranija. Mièt geuua Mira maduar is-sena 342 u ġiè midfun fill cattedral tagħha. Il-miraclu l-iżied splendidu u contnuu ta San Nicola, li kuddiemha, irridu jeu ma iridux, l-inceduli icollhom ibaxxu rashom għall veritá tigħou, huua il-fatt straordinarju ta l-imkaddża manna li toħroġ bla ma takta mill-għadam tigħou. Dan il-miraclu chien giá isir ikoll meta l-għadam ta San Nikola chien għadu geuua Mira. F'Bari taħt l-artal jinsab il għadam ta dan il kaddis imkigħed geuua urna: u minn dan l-għadam imkaddes joħroġ continuament, bħall-għarak, ilma safi uisk, bla ebda taħsir u ta rieħa tfuħ ta l-għageb. Meta fl-urna tingemgħa quantitá ta dana l-ilma, allura jiġbruha u ikigħeduha f'vażetti u f'impulluzzi, u ikassmuha mad-dinja colla għall fidili, u biha isiru miracli u jinkalgħou bosta grazzi bl-intercessioni tall kaddis. Il-miraclu ta l-imkaddza manna ta San Nicola chien ukoll bosta u bosta drabi causa ta conversioni ta bosta midinbin u increduli. Anchi illum stess uiħed jista imur f'Bari u jara l-għarak ħiereġ u icollu jistkarr li uara elf ħames mija u tnejn u disgħain sena (1592) chiecu dan l-għadam ckien għain tall blat chien ijgħaija inixxi l-għarak, chif osserva Lucianu.***

Bħal ma qrajtu, il-Malti ta' l-era tletinijiet kien ferm differenti minn kif nafuh illum. Dan il-ktejjeb fakkarni meta ommi kienet iddaħalna fis-sodda lili u l-ħuti qabel norqdu u taqralna dawn is-siltiet. Memorji sbieħ u ta' nostalġija.

# Ma Xiex Kellha Tiltaqa'

minn Joseph Bonnici

Din l-istorja, li l-ambjent tagħha kien it-tieni gwerra dinjija, tirrakkontalna ġrajja ta' tifla li sa minn ċkunita kellha tara ħafna ma' wiċċha.

Kien f'nofs Diċembru, f'kesħa xxoqq l-għadam li taf iġġib magħha x-xitwa, meta Anġela, tifla ċkejkna ta' xi seba' snin, kienet qiegħda tivvjaġġa ma' ommha, Helga, fuq ferrovija. Ommha kellha f'ħoġorha tfajjel ta' xi ħames snin, b'dak il-wiċċ sfajjar kemm kemm jidher qalb il-kutra tan-newl, immlefflef biex ma jħossx kesħa. Stħajlitu l-Bambin ċkejken tal-presepju li kellhom id-dar u li kien f'idejn il-Madonna, b'differenża, li ħuha kien jidher madur ħafna. Ħuha Hans, għax hekk kien jismu, kien ċass u ma kienx f'siktu għaliex xi qtar tad-demm bdew ħerġin minn immnieħru. Kien gravi għax wara ftit miet. Ma l-ewwel waqfa tal-istazzjon, Helga flimkien ma' Anġela niżlu biex jidfnu liċ-ċkejken Hans f'wieħed miċ-ċimiterji kollha bjuda bis-silġ li kienu biswit il-linji tat-tren. Kien wieħed mix-xhur ta' Diċembru li donnu ma ried jaħfirha lil ħadd, x'ħin ġiet fit-tmiemha l-ħajja taċ-ċkejken Hans, tfajjel ħelu u gustuz. F'dan iċ-ċimiterju Hans tqiegħed f'ħofra fl-art u hemm Anġela stħajlitu l-bambin hekk kif il-Madonna poġġietu fil-maxtura. Iċ-ċeremonja kienet qasira u r-riti tad-difna nqraw minn fuq ktieb li fih Anġela poġġiet ir-ritratt ta' ħuha.



Helga, omm it-tifla, kellha ħsieb f'moħħha li riedet tfittex lir-raġel tagħha li kien miġbur bil-lieva biex jiġġieled fil-gwerra. Kellha problema bit-tifla Anġela fejn ser tħalliha sakemm hija tilħaq l-għan tagħha. Helga kienet taf b'familja anzjana li ma kellhomx tfal u li kienet ħabiba kbira tagħha. Qatgħatha li tħalli l-Anġela ftit magħhom.

Diċembru għadda, bix-xhur igerbu ukoll, u sadanittant Anġela, kienet ġiet mtellgħa f'dixxplina kbira. Is-soċjeta' ta' dak iż-żmien hekk kienet titlob. It-tifla kienet naqra ta' rasha u fuq tagħha ħafna. Il-familja li kienet qed trabbiha kienet id-dixxiplinata u stramba għall-aħħar.

Ir-raġel Jurgen u l-mara Gertrude li

kienu qegħdin irabbu lil Anġela peress li kienu mdaħħlin fl-eta' ma setgħux jagħmlu mod ieħor biex ilaħħqu mal-karattru lvent tagħha. Iżda bil-mod il-mod, Anġela l'issa kibret għal dawk it-tnax-il sena bdiet tirrispetta ħafna lil ġenituri kważi addottivi tagħha u b'hekk inbniet relazzjoni ntima bejniethom, daqstant li kienet titgħaxxaq ħafna meta kienet issejħilhom Ma u Pa, għalkemm aktar hi kienet miġbuda lejn ir-raġel xwejjaħ għax kien jifimha aktar u probabli għax il-mara kienet tagħmilha ta' raġel fid-dar, sew fil-ħidma u fit-tmexxija ġenerali.

Sadanittant Anġela bdiet tmur l-iskola u għalkemm kienet tiġi mgħajra minn sħabha tal-klassi, għax kienet lura fi ħwejjiġha iżda suprema f'affarijiet oħrajn, bdiet tindiħes ma' tifel tamparha li jismu Frantz li kien jifimha u japprezza l-kumpanija tagħha, speċjalment meta kienu jtellqu flimkien huma u sejrin lejn id-dar għax kien id-delizzju tagħhom. Frantz, kien jinħass il-mexxej tas-sħabu u b'hekk jorbtu fuqu u kienu jgħoxew meta hu kien kull darba jgħaddi lil Anġela b'kemxejn.

Anġela kellha namra oħra, dik li tħobb taqra u dan ġie minn ktieb tat-talb li ntuża mill-qarrej li mexxa fid-difna ta' ħuha Hans. Dal-ktieb għalhekk kien ħafna apprezzat minnha għaliex fih kien jinsab ukoll ir-ritratt ta' Hans infilsat fil-paġni. It-tifla dejjem kienet taqra naqra naqra minn dal-ktieb għażiż għaliha u b'hekk kienet iżżomm ruħha aġġornata fil-qari u l-kitba tal-kliem. L-interess fil-qari kiber aktar meta ommha tar-rispett kienet tibgħatha taqdiha b'xogħol għand Marlene, s-sinjura tas-sindku tal-post ta' fejn kienet toqgħod, li kellha librerija u b'hekk ukoll baqgħet bl-għatx li taqra l-kotba. Fil-fatt, f'xi ħin waqt dawn iż-żjarat, it-tifla kienet tingħata ċ-ċans tagħżel xi ktieb u taqra xi ħaġa minnu, għalkemm dan kien kontra l-parir t'ommha Gertrude u tar-raġel tas-sinjura Marlene, s-sindku Helmut, u dan li ma tmurx titlef ix-xogħol minħabba f'hekk.

Filwaqt li l-ħbiberija ta' Anġela kibret ma' Frantz; ġara li raġel żagħżugħ, maħrub u marradi li jismu Ludvig, kien ġie mgħoti kenn mil-familja ta' Anġela. Dan kien ġest reċiproku għax missier Ludvig, qabel, kien salva ħajjet Jurgen fil-gwerra. Ta' min isemmi li kien hemm mibgħeda razzjali bejn il-ġens taż-żagħżugħ Ludvig u dak ta' Jurgen.

Gertrude xtaqet li ma żżommux biex ma jinqalax għawġ mal-pulizija u għalhekk wara li dewwuh ġie deċiż li joqgħod jgħix fil-kantina bil-moħbi. Daż-żagħżugħ kien dejjem jaqra l-ktieb tar-reliġjon li dejjem kien iġorr miegħu u fl-istess ħin jaqsam dan il-qari tiegħu mat-tifla. Anġela mhux l-ewwel darba li xtaqet tkun taf fuq il-post fejn twieled il-bambin, mingħand Ludvig. Kemm il-darba staqsiet fuq l-għar ta' Betlem, iżda Ludvig dejjem żamm lura minħabba r-reliġjon li kien iħaddan. Pero' din il-kilba għat-tagħlim minn naħa tat-tnejn kienet aktar iġġalgħhom jaqraw. Anġela kienet iżżomm lill-Ludvig mgħarraf b'dak kollu li kien għaddej fil-belt tagħhom.

Frantz induna li l-ħabiba tiegħu, t-tifla Anġela kienet qegħda taħbi minnu xi ħaġa u kien sa jirraportha lill-pulizija minħabba l-patrijottiżmu jew kburija tiegħu lejn pajjiżu, iżda minħabba l-ġibda li kellu lejha u l-wegħda li għamlu bejniethom li ma jgħidux is-sigrieti tagħhom, allura qagħad lura milli jagħmel dan.

Iżda s-sieħeb ta' Frantz, Otto, li ssuspetta x'inhu jiġri, u l-induna mill-ktieb tar-reliġjon tar-raġel Ludvig, għax dal-ktieb Anġela ġieli ġarritu magħha, mar jgħid lill-pulizija minħabba li messitu l-għira għalihom u fl-istess ħin għax fl-iskola kien anqas kapaċi minnhom t-tnejn u b'hekk ried ipattihielhom. Il-pulizija ma damux

ma ħadu passi fuq ir-rapport li kellhom u marru jfittxu fid-dar ta' Anġela. Iżda meta l-koppja anzjana ta' Anġela ndunat b'dan, waqt li kien qiegħed jitħabbat il-bieb mill-pulizija, huma malajr ħbew tajjeb lil Ludvig u dawn ma sabuhx, b'hekk il-familja għaddietha lixxa. Għalhekk Ludvig bi qbil mal-familja ta' Anġela qatagħha li jitlaq biex ma jġibx fl-għali l-familja li ħadet ħsiebu, issa li kien fieq kompletament. Dan il-fejqan kien kważi mirakoluż bl-intervent taċ-ċkejken qaddis innoċenti Hans, ħu t-tifla, li lilu dejjem kien jitlob filwaqt li kien iżomm ir-ritratt tiegħu quddiemu.

Iż-żmien għadda u bejn Frantz u Anġela trabbiet ħbiberija kbira daqstant li hu dejjem xtaq li jbusha minkejja l-mistħija u pika li kienet teżisti bejniethom, dik ta' min hu l-aqwa minnhom.

Diċembru ta' l-1944, wasal mingħajr l-ebda ħjiel li kien wasal il-Milied. Il-knejjes kienu vojta, it-toroq bla-ħajja, il-ġuħ beda jinħass sew u nies kienu mwerwra. Ta' min jgħid li l-pajjiż ta' fejn kienu joqgħodu daż-żewġt itfal kien qiegħed jitlef is-supremazija tiegħu fil-gwerra li ħoloq hu stess. Darba waħda kien hemm bumbardament qawwi fejn kienu joqgħodu, taqa' bomba u tolqot sew l-bini fejn kienu, u daram kullma kien hemm taħtu. Dawk li kienu fix-xelter tista' tgħid ġew midfunin ħajjin.

Is-suldati bdew ifittxu biex jaraw jekk isibux xi ħadd ħaj taħt it-trab u t-tifrik u minn hawn flimkien m'oħrajn ħarġu lil ommha u lil missierha tar-rispett, mejtin. It-tfittxija tkompliet u t-tifla Anġela nstabet ħajja f'ħofra bejn żewġ ġebliet li skansawha mill-mewt. Mhux l-istess jista' jingħad għat-tifel Frantz għax inqala' minn fejn kien fgat u mgħaffeġ kważi mejjet.

It-tifla mitluqa fl-art, tqanżħet u tkaxkret lejn fejn kien hemm Frantz it-tifel li kienet tħobb ħafna u hawn waqt li ħarsu lejn xulxin qalu l-aħħar kelmiet bejniethom. F'daqqa waħda ftakret kemm qabel dan Frantz xtaq ibusha imma qatt ma ħallietu. Hekk kif kien għadu kif miet żelqitlu bewsa sħuna u kbira fuq wiċċu kollu mimli trab u bi tbissima, għax ra lilha ħajja qabel ma straħ għal dejjem. Imbagħad qamet u marret timxi bil-mod ħdejn ommha u missierha fejn ukoll tathom l-aħħar tislima qabel dawn ma ttieħdu mill-post mkeffnin flimkien mat-tifel.

Is-sindku tar-raħal Helmut mar fuq il-post tad-disgrazzja flimkien mal-mara tiegħu Marlene, li kienet l-istess sinjura li kienet tmur għandha t-tifla. Hawnhekk huma raw lit-tifla u l-ħerba li kienet saret. Peress li dil-koppja ma kelliex tfal dawn ħadu ħsieb irabbuha u jkabbruha f'xebba mill-isbaħ, taf tħenn u edukata għall-aħħar.

Għodwa waħda għall-ħabta tal-Milied wara li kienet għada kif spiċċat il-gwerra, Anġela waqt li kienet miexja fit-triq, b'kumbinazzjoni lemħet lil Ludvig, ir-raġel li kien imfittex mill-pulizija u għal xi żmien kien jgħix fid-dar t'ommha u missierha li rabbewha. Hija ftakret fil-ħbiberija li kienet nibtet bejniethom u kemm kienet għaddiet ħin miegħu fil-kantina taqra u ssaqsi fuq il-ġrajja ta' Betlem. Ludvig kien jafu sewwa l-post li dejjem xtaqet tkun taf fuqu Anġela, għax hu kien Lhudi u l-post fejn twieled il-Bambin kien ftit bogħod minn fejn kien jgħix meta' kien tifel żgħir. Kien semmielha wkoll il-ġrajja tal-qtil tat-trabi taż-żmien Erodi u xebbagħha ma' qtil tat-trabi innoċenti taż-żmienhom. Kien jgħidilha wkoll li kemm il-darba kien niżel fl-għar fejn twieled il-bambin u kemm kien iħossu kuntent u qalbu timtela' bil-ferħ u l-paċi hawnhekk. Anġela, minn naħa tagħha kienet tisimgħu b'attenzjoni sħiħa.

Waqt ir-rakkont ta' ħajtu, Ludvig kien dejjem iżomm f'moħħu kemm kienet tqawwilu qalbu u tieħu ħsiebu f'daż-żmien hekk ta' qtigħ il-qalb u li mhux għax kien minħabba fiha kieku kien ikun ġa mejjet. Wara li dawn tkellmu, għanqu u sellmu lil xulxin qabel ma nfirdu mingħajr ma lissnu l-isem wieħed lil l-ieħor minħabba li Ludvig kien għadu mfittex mill-pulizija. Huwa qabel telaq wegħedha li sa jħaddimha miegħu fix-xogħol tal-ħjata tal-ilbiesi.

Meta spiċċat il-gwerra, Ludvig ir-raġel żagħżugħ kien jgħix f'parti oħra mbiegħda tal-pajjiż u b'hekk ma kienx hemm ħjiel fuqu li jista' jinqabad. Dan żamm kelmtu u mar ifittex li din ix-xbejba ntelligenti għand is-sindku, fejn wara mhux biss ħaddimha u bdiet taqla' l-għixien tagħha iżda wkoll bdiet tgħix miegħu f'daru għax la ommha u l-anqas missierha propja, qatt ma dehru biex tmur magħhom. Anġela ma nsietx ukoll li qabel telqet irringrazzjat lis-sindku u martu taż-żmien li huma ħadu ħsiebha.

Maż-żmien Ludvig li għalkemm kien żagħżugħ iżda akbar minn Anġela, spiċċa ukoll biex iżżewwiġha u hawn għalqet il-ġrajja sfortunata tagħhom l'issa nbidlet f'paċi bla tmiem.

# Il-Milied tal-llum u għada

**minn Charles Vella Meilaq**

Il-lum qed ngħixu l-koll f'dinja moderna
F'dinja mimlija sewwa bil-missili
U jien nistħajjel dan l-armar jipprova li t-twemmin inissili
Taħsbux li jien kontra l-modernizmu
Għax jekk dan, taħsbu xejn; għax ma tagħmlux sewwa.
Jien nixtieq li l-armar ta' żmienna bil-galbu jqiegħdna ġewwa.

Missili kbar li jimxu b'żejt nisrani
U jaħdmu biss bl-ossiġnu sfiq tad-debħa f'daż-żminijiet imqallba
Qishom xi metejora 'l fuq jittajru
Bħal satellita f'orbita mad-dinja.
Nixtieq li nilmaħ dal-missili mħaddma bil-ġieħ matul kull linja
Li tnissel sew ġol-qalb tal-bnedmin kollha
l-aħbar tat-twelid ħelu tal-Messija,
Biex fihom bħal jitwieled jerġa' Kristu l-istess bħal xi twissija.

Li sew min tarf sa'tarf tad-dinja sħiħa
X'imkien mill-ġdid qed tibda dit-tfulija
Fejn Missjunarji jaħdmu qed jitwieled kuljum Ġesù Tarbija.

# Milied 2010

**minn Emmanuel Scicluna**

Il-ferħ li ġġib magħha din il-festa kbira tal-Knejjes Insara dejjem issib min esprimieh b'diversi modi. Fil-qasam tal-mużika nsibu kull tip ta' mużika u kant – minn innijiet sagri, mużika klassika u dik popolari - iddedikati għal din il-ġrajja. F'dawn iż-żminijiet il-ħin kollu, fit-toroq, fil-ħwienet nisimgħu minn din il-mużika. U anki fi djarna nitħajru ndoqqu dawk l-għanjiet tal-Milied favoriti tagħna. Fil-letteratura nsibu diversi xogħlijiet ta' proża u poeżija dwar il-Milied waqt li f'ħafna kotba oħra ssib deskrizzjonijiet ta' drawwiet li jeżistu fi ħdan il-familji jew f'pajjiżi differenti. Ngħid għalija, f'dan iż-żmien, inħobb naqra l-ktieb ta' Charles Dickens "A Christmas Carol" jekk mhux kollu, partijiet minnu. Inħobb nara wkoll il-films li jkollhom bħala suġġett il-Milied. Fil-qasam tal-arti viżiva meta wieħed iżur mużewijiet tal-arti żgur ser isib ħafna u ħafna inċiżjonijiet, pitturi u anki gruppi ta' statwi li juru x-xena tat-twelid ta' Ġesù fl-għar ta' Beltem. Imbagħad f'kull knisja ser issib żgur xi statwa, pittura jew ħġieġ ikkulurit li juri din ix-xena. Il-pitturi u l-ħġieġ kulurit huma xogħlijiet ta' artisti li bil-kuluri u bil-mod kif iqiegħdu l-figuri, ix-xena li jpinġu warajhom jippruvaw jolqtu l-għajn u jnisslu f'min qed iħares lejn dik il-biċċa xogħol tal-arti, sentiment ta' rispett u qima, ta' għaġeb kif Alla għażel li jitwieled bniedem biex isalvana. F'ħafna pajjiżi fejn ir-reliġjon Nisranija għadha ħajja jħobbu għal żmien il-Milied joħorġu bolol b'xi riproduzzjoni ta' pitturi famużi jew tpinġija oriġinali li turi t-twelid ta' Kristu.

Iżda mhux biss artisti kbar li baqgħu jissemmew fl-istorja jafu jesprimu dawn is-sentimenti fix-xogħol tagħhom. Anki nies li qatt ma tħarrġu fl-arti, jitħajru huma wkoll jesprimu dak li ġara żewġ millenji ilu fl-għar ta' Betlem. Qed nirreferi għal dawk li jitħajru jagħmlu presepju fid-dar tagħhom biex huma u l-familji tagħhom jieħdu pjaċir jagħmluh, jagħtuh il-kulur, jiddiskutu fejn ser ipoġġu l-pasturi, fejn it-tfal żgħar bil-moħbi tal-ġenituri tagħhom iqiegħdu l-pastur favorit tagħhom fejn iridu huma u dak il-presepju jkun l-għaxqa tal-familja, iħarsu lejh u jgawduh tul iż-żmien tal-festi. Imbagħad jew jitkisser jew jekk il-forma tiegħu tkun għoġbot lil kulħadd jippruvaw isibu xi rokna fid-dar biex jerfgħuh għas-sena ta' wara.

Uħud tant jakkwistaw ħila u esperjenza tul is-snin fit-tiswir tal-presepju li jistiednu lill-pubbliku jiġi jara x-xogħol li jkunu għamlu. Imbagħad hemm l-għaqda tad-dilettanti tal-presepju li ta' kull sena ttella' wirja ta' presepji f'post pubbliku, presepji ta' kull daqs u għamla, magħmula minn oġġetti varji li juru l-ħila u l-immaġinazzjoni tal-parteċipanti f'din il-wirja. Wirja li ta' min wieħed iżurha u jieħu lit-tfal tiegħu jarawha.

Irridu ngħidu grazzi lil San Franġisk ta' Assisi li kien hu li daħħal din id-drawwa tal-presepju. San Franġisk twieled fis-sena 1182 u miet fis-sena 1226. Ma rridux ninsew li fi żmien San Franġisk il-biċċa l-kbira tan-nies ma kinitx taf taqra u tikteb u lanqas kienu jagħtu importanza kbira lill-qari u l-kitba. Dawk li kienu jafu

jaqraw u jiktbu kienu jkunu fil-biċċa l-kbira tagħhom membri tal-knisja. U lanqas ma kien possibbli li wieħed jikseb kotba. Kien għadu ma ġiex ivvintat metodu kif jistampaw il-kotba. Il-kotba kienu jinkitbu kollha bl-idejn. Għalhekk l-għonja biss u l-monasteri kellhom il-kotba. Għalhekk il-Knisja kienet tinqeda b'kull ħaġa biex tgħallem lin-nies dwar it-twemmin li għandhom iħaddnu u l-mod kif jgħixu u jġibu rwieħhom mal-oħrajn - bl-affreski, bil-pittura fuq tila jew il-ħajt, bil-ħġieġ ikkulurit li jimla t-twieqi, li bl-Ingliż insejħulhom stained glass.

Fl-ewwel snin tal-Kristjaneżmu, l-Knisja kienet tipprojbixxi lill-Insara milli jmorru t-teatru billi f'għajnejha, it-teatru pagan kien xi ħaġa immorali. Iżda mbagħad, tul is-seklu għaxra, kienet il-knisja stess li ppermettiet li matul il-liturġija tal-festi importanti bħall-Għid u l-Milied iwaqqfu għal ftit ħin il-funzjoni u s-saċerdoti stess jirreċtaw xi xena mill-Vangelu li tkun inqrat. Dan ir-reċtar kien isir bil-Latin. Biż-żmien beda jintuża l-ilsien tal-post. Din id-drama liturġika, minn bidu mudest, kibret f'xogħlijiet teatrali fuq il-virtujiet u s-saħta tad-dnub jew episodji li wieħed isib fil-Kotba Mqaddsa jew mill-ħajjiet tal-qaddisin. Bl-Ingliż dan ix-xogħol teatrali jsejħulu mystery jew miracle plays. Il-mystery plays huma bbażati fuq episodji tal-Bibbja waqt li l-miracle plays huma bbażati fuq il-ħajjiet tal-qaddisin, l-iktar meta jwettqu xi miraklu. Għall-ewwel dan it-tip ta' rappreżentazzjonijiet kienu jittellgħu fil-knejjes tul festi reliġjużi bħal Corpus Christi jew fiż-żmien tal-Pentekoste. Meta l-Papa Innoċens III fl-1210 ipprojbixxa li l-kleru jibqa' jieħu sehem fihom, dawn ir-rappreżentazzjonijiet bdew isiru wkoll fuq iz-zuntier tal-knisja jew fil-pjazza tas-suq u jieħdu sehem fihom il-membri ta' għaqdiet tax-xogħol, bl-Ingliż jgħidulhom 'guilds'. Per eżempju dawk li jbiegħu l-ħut kienu jħobbu jippreżentaw l-istorja ta' Ġona u l-Ħuta, il-mastrudaxxi l-episodju ta' Noe u l-arka li kien għamel biex hu, l-familja tiegħu u par minn kull annimal isalva mid-dulluvju. Għal dawk li jaħdmu d-deheb l-episodju favorit kienet l-adorazzjoni tal-Magi fejn lil Ġesù tarbija jippreżentawlu deheb, inċens u mirra, waqt li għall-furnara kien it-twaqqif tal-Ewkaristija. Biex ifiehmu iżjed lin-nies u anki għax kienu ndunaw li dan it-tip ta' spettaklu kien jogħġob lin-nies kienu jużaw kliem ta' kuljum, klien li kien jingħad minn kulħadd u kien fuq fomm kulħadd. Ma kienx jonqos li f'xi uħud minn dawn ir-rappreżentazzjonijiet kienu jirridikulaw u jdaħħqu bid-difetti ta' nies li kienu magħrufa u li ma tantx kienu popolari fil-komunita'. Minn dawn ix-xogħlijiet teatrali tal-medjuevu għad baqgħalna għadd interessanti minnhom f'diversi ilsna għaliex kienu popolari f'kull pajjiż Ewropew. Għadek issib ta' kull tant f'xi pajjiż Ewropew, xi kumpanija teatrali li ttella' xi siltiet minn dawn l-ispettakli li jinżlu tajjeb ma' ċertu tip ta' pubbliku għaliex jużaw ħafna kliem li m'għadux jintuża.

San Franġisk sab mod ieħor kif juri lid-dixxipli tiegħu x'kien iħoss hu fil-Milied. Kien kiteb lil Giovanni Vellita wieħed mid-dixxipli tiegħu:"Nixtieq li nirrapreżenta t-twelid ta' Ġesù f'Betlem, b'tali mod li b'għajnejna nkunu nistgħu naraw dak li Hu bata fit-twelid tiegħu għax kien nieqes minn kollox u kif kien imqiegħed f'maxtura bejn baqra u ħmara."

F'lejlet il-Milied tal-1224, wara li San Fran[isk kien ġie lura mill-Art Imqaddsa, għamel presepju fi grotta li kienet tinsab ġo foresta ħdejn ir-raħal imperreċ fuq muntanja ta' Greccio. Hawnhekk San Franġisk kanta l-Vanġelu u ppriedka dwar it-tarbija ta' Betlem. Is-sbuħija sempliċi tal-presepju ta' San Franġisk saret il-mudell

tal-presepji li nħadmu wara.

Il-presepji fi żmien il-Milied saru mill-ewwel popolari tul l-Italja kollha u mill-Italja nfirxu fl-Ewropa. Il-patrijiet li marru jakkumpanjaw l-esploraturi Spanjoli u Portugiżi fil-kixfa ta' pajjiżi ġodda, biex huma jwasslu l-Vanġelu f'dawn l-artijiet, ]adu din id-drawwa li jagħmlu presepju magħhom. Għadaqstant illum il-presepji jieħdu l-kulur u l-kostumi tal-post. Fil-Peru fejn l-annimal tal-ġarr hu llama, li hu mill-familja tal-ġemel, fil-grotta, f'lok ħmara jagħmlu llama biex issaħħan lill-Bambin Ġesù, waqt li fil-Ġappun f'lok Magi jagħmlu Samurai li jġibu rigali lit-tarbija divina. Fil-pajjiżi fejn jgħixu l-Eskimoes, li jibnu fejn joqogħdu bi blokki tas-silġ u annimali bħal baqra u ħmara ma jeżistux, jibnu l-presepju minn blokki tas-silġ u l-maxtura hi dik is-slitta, is-sledge, miġbuda minn klieb huskies li huma jużaw biex jivvjaġġaw. Kull pajjiż jaddotta l-kostumi u d-drawwiet tiegħu biex ifakkar din il-ġrajja li biddlet wiċċ id-dinja.

Fl-Ewropa nsibu nħawi li tul is-sekli speċjalizzaw f'xogħol sabiħ ta' presepji. Insemmu r-reġjun ta' Provenza fi Franza, Olot fi Spanja u Obergammerau fil-Ġermanja, raħal li hu magħruf ukoll għall-pageant tal-Passjoni li jagħmlu perjodikament u li jiġbed tant turisti. Fl-Italja hemm diversi bliet li jagħmlu presepji b'laqta partikolari. Ix-xogħol tal-presepju laħaq il-quċċata tieg]u mil-lat artistiku tul is-seklu tmintax f'Napli, dejjem grazzi għar-re Karlu III li kien iħobb jagħmel pasturi hu stess. Bliet oħra jagħtu l-laqta partikolari tagħhom.

Barra l-presepji ta' kull tip ta' materjal, qed naraw ukoll presepji ħajjin fejn persuni joħolqu l-ġrajja tat-twelid ta' Ġesù fl-għar ta' Betlem.

F'dan iż-żmien ta' qabel il-Milied bil-ħafna preparamenti li wieħed irid jieħu ħsieb li jagħmel, jaf inessu l-valur ta' din il-festa. Ma tkunx ideja ħażina li wieħed jieqaf ftit u jaħseb x'ifisser il-Milied għalih. L-aħjar preparazzjoni għall-Milied hu li nkattru fina sentimenti ta' ħniena, paċenzja u ħlewwa lejn l-oħrajn. Ma naħsbux li aħna ċ-ċentru ta' kollox u kollox idur madwarna. Qisna aħna biss neżistu. Ninfurmaw rwieħna dwar dak li qed jikkawża tant inġustizzji fid-dinja. Neżaminaw lilna nfusna jekk bl-istil ta' ħajjitna aħniex qed nikkunsmaw iżjed minn ħaddieħor ir-riżorsi tad-dinja. Dan ifisser li jekk nikkunsmaw iż-żejjed ħaddieħor qed ikun bin-nieqes.

# ĦLAS TAL-MIŻATA
## *L-aħħar Avviż.*

Il-ħlas tal-miżata huwa is-sehem tiegħek fil-ħidma tal-Għaqda.
Jekk inti qiegħed lura f'dan il-ħlas, ħu ħsieb biex tirregolarizza ruħek skond l-Istatut.
Fin-nuqqas ta' dan, tista' tiġi maqtugħ mill-lista tal-membri u għalhekk ma tirċevix iżjed dan il-fuljett jew ċirkularijiet tal-Għaqda.

Il-miżata tat-tfal taħt l-14 il-sena hija ta' € 2.00

### *Xi jgħid l-Istatut dwar il-ħlas tal-Miżata?*

Art. 3:3…Is-sħubija fl-Għaqda hija suġġetta għal ħlas ta' miżata annwali li tista' tinbidel minn żmien għal żmien fuq deċiżjoni tal-Kunsill Amministrattiv.
Art. 3:4... Il-ħlas tal-miżata għandu jsir mhux aktar tard mit-30 ta' April ta' kull sena. Min jonqos jitlef id-dritt għal xi benefiċċji li jiġu offruti lill-Membri tal-Għaqda.
Art.3:9c...Persuna ma tibqax membru tal-Għaqda jekk ma tħallasx il-miżata dovuta għal sentejn konsekuttivi.

# Ġesù... l-Akbar Profeta

**minn Joseph Bonnici**

Kont iddestinat b'ubbidjenza,
ħa tirrispetta profezija,
li b'ġentilezza wettaqtilna,
biex tingħatalna f'armonija.

Ġejt imrobbija b'sagrifiċċju,
minn ġenituri, f'innocenza,
kif imsemmija fl-evanġeli;
għax imħejjija b'esperjenza.

Kont imfittxija f'persunaġġi;
bi ħsibijiethom ikkoreġut,
għall-istennija nisranija;
lejn passjonijiet idderiġut.

Hekk twassaltilna b'intenzjoni,
biex twarrabilna nuqqasijiet;
bil-kapaċita' trijonfali,
biss insibuha fl-għeġubijiet.

Bqajt mirakoluż b'abbundanza,
x'ħin ilqajtilna ħtiġijietna;
li f'ċirkustanzi mistennija,
kont għamiltilna f'dmirijietna.

Waqt żminijietek xandartilna,
il-parabboli eżemplari,
li semmejtilna b'konsistenza,
b'dawk l-aħbarijiet kontemplari.

B'hekk għaddejtilna salvazzjoni,
li ġibitilna serenita',
għax nislitilna f'qlubijietna,
dik imħabbitna f'komunita'

31-07-2014

## *Ħsieb tal-Poeżija*

L-ewwel tlett strofi jitħaddtu fuq il-profeta Ġesù tarbija fejn din tiġi mgħaqqda ma' xi kwalitajiet bħall-ubbidjenza, rispett, innoċenza, sagrifiċċju, esperjenza u armonija, filwaqt fl-aħħar erba' strofi nsibu l-profeta adult mgħaqqad m'oħrajn bħal trijonf, abbilta', mirakoluż, xandar u salvatur.

Ġesù bħalma kien mistenni ġie mħabbar minn qabel f'did-dinja biex isalvana, u għalhekk kien hemm bżonn li jgħallimna, jaqdi ħtiġijietna fid-dmirijiet tagħna, permezz ta' l-eżempju tiegħu, parabboli u mirakli ta' sikwit, u li dawn waslulna f'qalbna serenita' bejnietna.

# Botta u risposta
## bejn Santa Claus u l-Bambin

**miktuba minn Jessie Chircop**

Kont qiegħda fl-isbaħ raqda, fl-lejl xitwi u kiesaħ liema bħalu. Imgeddsa għas-sħana qalb il-kutri ħoxnin. Rieqed u noħlom. F'ħin minnhom ħlomt li kont għaddejja minn qalb is-siġar taż-żnuber u nilmaħ tnejn minn nies jitkellmu u jiddiskutu. Għelbitni l-kurżita u ersaqt lejhom bla ma ħallejthom jindunaw bija. Naf li fil-ħolma donnu li għaraft lil dawn in-nies. Iva wieħed kien liebes libsa ħamra u kellu ċ-ċriev u l-ieħor libes tunika bajda minn fuq s-isfel. Kienet tidher li kienet diskussjoni ta' bejn il-ħbieb. Naf li smajt lil dak tal-libsa ħamra jgħid lil-ieħor li hu għandu dar fil-Noth Pole u r-raġel tal-libsa bajda qallu li lilu ssibu kullimkien. Hawn intbaħt li dawn kienu Santa Claus (jew Father Christmas) u l-Bambin. Naf li kurżita ġagħlitni nersaq aktar fil-viċin u d-djalogu kompla hekk:-

***Santa.*....** Jien biex nqassam ir-rigali kollha jkolli nirkeb is-slitta u xi kultant niltaqa' ma xi ntopp għax ir-riħ, ix-xita kif qed tara bħal llum, u l-maltemp ifixkluni ħafna. Povri ċ-ċriev għax vera toħroġilhom qalbhom biex inlaħħqu.

**Il-Bambin**..... Jien dawn ma jtellfuni xejn għax nimxi fuq il-baħar u l-elementi tan-natura jien kapaċi nikkontrollhom.

***Santa....*** Iddaħħakni int. Mela tagħmel il-maġik biex għandek il-ħila li tikkontrolla in-natura, x'kull waħda din.

**Il-Bambin....** Int xi darba ejja miegħi u nurik imbagħad ara b'għajnek.

***Santa*.....** Niġi, niġi meta tgħidli. X'imħatra li ma għaraftnix....Jien dak li nqassam ir-rigal darba fis-sena, fil-festi tal-Milied u fl-ewwel tas-sena. Ħa ngħidlek nispiċċa bla nifs.

**Il-Bambin**..... Jien kuljum nqassam ir-rigal. Tiegħi jkunu differenti minn tiegħek. U bix tkun taf jien mhux fil-Milied u l-ewwel tas-sena nkun magħhom iżda, inkun mal-bnedmin kuljum, mhemmx Sibt jew Ħadd. Nindokra lil kulħadd f'kull ħin tal-ġurnata. U kull min irid xi rigal jitlobni u nagħtih.

***Santa.*....**Hej, donnok li int xi ħaġa speċjali. Ħa ngħidlek jien lit-tfal nimlilhom il-kalzetti bil-ġugarrelli. Taf int jibdew jeqirdu s-sena kollha għal dan l-imbierek rigal. Taqqbuli widnejja u ħaduli rasi. Iġri neħles.

**Il-Bambin**.... Sieħbi. Jien kull darba li jitolbuni xi ħaġa dejjem inkun pront li naqdihom. Dejjem jekk ikun ta' ġid għalihom. Ħaġa oħra t-tfal ma jistordunix għax inħobb nilagħab magħhom.

***Santa*.....** Aqtagħli l-kurżità; int mnejn tidħol għand in-nies? Jien ninżel minn ġol ċumnija u mhux l-ewwel darba li kont għodni weħilt. Dik battikata!!

**Il-Bambin**..... Naf, naf. Mhux l-ewwel darba li qsamtni bid-daħk. Ġieli rajtek

kollok għaraq għax tkun inżilt minn ġo xi ċumnija li jkun għadu kemm intefgħa in-nar. Ġieli smajtek twaħwaħ. Le sieħbi, jien immur wara il-bibien tan-nies u nħabbat, imbagħad nkellimhom ftit u wara li jaċċetawni u jdaħħluni f'qalbhom nibqa' hemm.

***Santa***..... Mr. Jien qatt ma rajtek fis-supermarkets. Ara jien, it-tfal kollha jkunu fil-kju biex jieħdu ritratt miegħi. Jkun hemm xi tifel jew tifla li ippruvaw kemm il-darba jiġbduli dik l-imbierka daqna bajda. Għidli int fejn tkun?

**Il-Bambin**..... Jien nkun ħdejn il-bniedem kull ħin. Kull ma jkun irid jagħmel l-individwu huwa li jsejjaħli u jien nmur ħdejh.

***Santa***.... Dan l-aħħar il-memorja tiegħi bdiet tilgħab bija u ma niftakarx l-ismijiet kollha tat-tfal. Min jaf kemm il-darba tajt rigal b'ieħor u smajt tgergir u kapaċi qlajt x'inkwiet. Int il-memorja tiegħek sieħbi fhix qegħdha?

**Il-Bambin**.... Tajba, tajba, pero' ħa tkun taf, jien naf l-ismijiet ta' kulħadd sa minn mindu twieldu. Ma nitfixkel lil ħadd.

***Santa.***... Qed tgħaġġibni. Jien ma naf lil ħadd li jiftakar l-ismijiet ta' kulħadd. Ħa ngħidlek mn'alla l-mara tiegħi jisimha Mary Christmas għax mur oqgħod bi lsienha jekk ngħajtliha b'isem ieħor. Nista' nistasqsik xi ħaġa?

**Il-Bambin**.... Għidli għidli...

***Santa.***.... Qatt poġġew f'ħoġrok it-tfal meta jkunu miegħek? Jien taf kemm inweġġa' meta' jiġu tfal li jkunu tqal. Ma nafx, xi kultant nħosshom donnhom xi travu tal-ħadid minn dawk il-kbar.

**Il-Bambin**..... Iva mhux l-ewwel darba. Jien l-ebda tifel jew tifla ma nħoss tqil. Veru li ħafna tfal ġabu ruhom pero' l-għaxqa tiegħi nħaddanhom miegħi. Kemm nieħu gost. X'għors fihom.

***Santa.....*** Naf li qed tħares lejn żaqqi u min jaf x'qed tgħid. Nipprova nnaqqas imma kull darba li nidħol ġo xi dar u nara li lestewli xi ikel u ħalib għaċ-ċriev żaqqi tibda tgerger u nieħu li nsib. Int kemm int irqieq mela ma tiekolx?

**Il-Bambin**..... Mela ma niekolx. Pero' jien qalbi għandi kbira u naf li mimlija bl-imħabba li lest naqsamha ma' kulħadd ta' kull dixxindenza. Jien lest inbati għal kull bniedem imbasta naraħ kuntent.

***Santa***..... Ieqaf naqra. Naf wieħed bħalek. Tfajjel ċkejken li twieled f'għar ta' Betlem u ħalla ħajtu fuq is-salib. Għidli, int dak it-tfajjel? Jekk, inhu hekk skużani tafx, m'għaraftekx pero' ħassejt ċertu paċi waqt li kont qed inkellmek.

**Il-Bambin**..... Iva jien kollu kemm jien Kola.

**Santa.**... Ara x'kull waħda. Taf xjisimni? Dan l-isbaħ rigal li qatt qlajt jien. Għax ħa ngħidlek donnu ħadd ma jiftakar fija ħlief biex iżejnu biha d-djar tagħhom u jitolbuni r-rigali.

F'dan il-ħin ragħda qawwija faqqgħet fil-viċin u jien qomt b'ħasda liema bħala. Ma nafx x'laqagħtni. Naf li qomt nitbissem. Ħaġa li xtaqt ngħidlu lil Santa għalfejn ħafna nies qed ipoġġu 'l Father Christmas (u mhux Christmas Father) f'post l-aktar ċentrali tad-dar? L-aqwa post fid-dar u f'qalbna għandu jkun merfugħ għal Ġesù, speċjalment f'dawn iż-żminijiet, qalb il-presepju.

Viva Ġesù Bambin.

# Leġġendi Għawdxin għal Żmien il-Milied

minn Joseph Joseph C. Camilleri

Il-leġġendi Maltin u Għawdxin kienu minn dejjem għal qalbi. Xi żmien ilu kont ħriġt ktieb li kien fih ġabra ta' leġġendi. Sibt diversi leġġendi fuq diversi aspetti tal-ħajja Maltija kif ukoll oħrajn marbutin mal-kult ta' xi qaddis. L-aktar popolari hu Missierna San Pawl[1]. Hemm numru ieħor kbir ta' leġġendi marbutin ma' Sidna Ġesù Kristu jew aħjar mal-passjoni Tiegħu[2] u mal-Madonna[3]. Dwar il-kult kristoloġiku hemm leġġendi fuq slaleb u oħrajn varji tal-passjoni iżda fuq il-Milied hemm xi leġġendi? Minn mindu l-ktieb ra d-dawl tal-Mulej komplejt niġbor u ftit ilu, waqt li kont qed naqra artiklu tassew interessanti tal-artikolista Għawdxi, is-Sur Victor John Galea bl-isem 'Il-Leġġenda tal-Mogħża tal-presepju' fir-rivista Luminaria, li toħroġ il-parroċċa tan-Nadur, sibt żewġ leġġendi tassew interessanti[4].

## Il-leġġendi[5]

Meta Ġesù twieled f'għar ta' Betlem kien hemm ħdejn il-maxtura, baqra u ħmara. Magħhom kien hemm ukoll mogħża. Wara t-twelid, il-baqra u l-ħmara niżlu għarkupptejhom biex jaduraw il-Messija u bil-fwar tagħhom bdew isaħħnuh. Il-mogħża ma għamletx bħalhom. Bdiet toqmos u taqbeż u waqt li kienet sejra hekk laqtet lit-Tarbija u weġġgħetu. Ġesù qajjem rasu u fil-pront qalilha: Misħuta int u nofs ħalibek.

It-tieni leġġenda tgħid: fl-għar ta' Betlem, wara t-twielid ta' Sidna Ġesù Kristu daħlet mogħża ma' sidha. Din baqgħet sejra dritt dritt lejn il-maxtura. Meta waslet bdiet itteftef fit-tiben u fis-silla li kien hemm. Jekk kif sabet li l-maxtura kemm hemm tarbija tat-twielid imfisqija rieqda fiha, bdiet tneqneq. Il-ħsejjes tagħha qajmu lit-tarbija. Meta Ġesù qajjem rasu ta salt għal denbha. Il-mogħża qabadha ferħ ta' ġenn u bdiet tgħajjat kemm tiflaħ. L-għajjat ġennen lil kulħadd li kienu fl-għar. Ġesù dar u qal lill-mogħża: Misħuta int u nofs ħalibek.

## Riflissjoni dwar il-leġġendi

L-ewwel u qabel kollox dawn iż-żewġ leġġendi juru l-importanża li kellu fil-ħajja Għawdxija l-presepju. Naturalment dawn il-leġġendi twieldu quddiem il-presepju.

1 Camilleri J.C., Ġabra tal-Leġġendi' Wise Owl Pubblications, bla data, p41-50.
2 Op cit p15-23.
3 Op cit p 23-36.
4 Galea V. J., Il-Leġġenda tal-Mogħża tal-presepju, Luminaria Ħarġa Nru 111, Diċembru 2012 p 18-19.
5 Ir-rakkonta tal-leġġendi għamiltu stil tiegħi iżda hu bbażat fuq dak li kiteb is-Sur Victor John Galea.









# WANT TRANSPORT WITH A GUARANTEE?

**Passalacqua** & C. s.r.l
**TRASPORTI**

## Choose the safest way of transport from Italy/Sicily to Malta

- Depots in Malta, Tunisia, Ragusa, Catania, Palermo, Messina, Bari, Rome, Bologna, Milano and Torino with departures from Genoa/Salerno/Pozzallo/Catania and returns from Malta
- Frequent services, door to door delivery and same day delivery
- Trailer service in ambient and temperature controlled conditions

We are not only *the best* but also the most *cost effective*

Attard Holdings,Mqabba Road, Ta Kandja,
Siggiewi, Malta.
Tel: 00356-21 443031 Fax: 00356-21 448120
Mob: 00356-99494622 or 00356-99440590
eMail: kevin@attardholdings.com.mt













Kien hemm drawwa f'Għawdex li l-familja kienet inġabar quddiem il-presepju biex titlob. Din id-drawwa kienet ukoll f'Malta iżda fis-snin ta' wara t-Tieni Gwerra Dinjija bdiet tonqos u llum tista' tgħid li kważi mietet mewta naturali. L-artikolista fl-artiklu jgħid li sema' dawn iż-żewġ leġġendi mingħand ommu. Din ukoll turik kemm l-Għawdxin ħadmu fuq li ħadmu biex id-devozzjoni lejn it-twelid ta' Sidna Ġesù Kristu jinxtered fost l-generazzjoni żgħira.

Il-qalba taż-żewġ leġġendi hu t-Tarbija ta' Betlem. Fl-ewwel leġġenda jidħlu l-baqra u l-ħmara, iżda hija l-mogħża l-annimal ewlieni tal-leġġenda. Il-leġġendi juruk ċar u tond kif kien jaħsibha l-Malti/Għawdxi fuq il-mogħża. Dan iwassalni għall-qawl li niżżel ukoll is-Sur Galea fl-artiklu tiegħu – 'Fejn tmiss il-mogħża tisħet'. Wieħed irid jifhem li fl-imgħoddi, meta omm Victor John Galea kienet tirrakkonta dawn iż-żewġ leġġendi lil binha, l-ħajja kienet ferm differenti milli hi llum. Ir-raħħala kienu jkollhom merħla mogħoż li kienu joħoroġu ta' kuljum biex jirgħu.

Kull fejn jieħdu l-mogħoż kienu jħallu r-redus (il-ħmieġ tal-mogħoż) u joħolqu problemi lill-bdiewa[6]. Kienu jirgħu fil-mogħxa u fil-widien, kif wkoll jdaħħluhom fir-raba' wara li kienu ġabru l-uċuħ, għaliex il-mogħoż kienu jieklu l-lublieba li kien hemm fuq wiċċ l-art. Iżda kull fejn tidħol il-mogħża jkun hemm il-problemi. Jekk fl-għalqa jkun hemm xi batrija, jekk ir-raħħal ma joqgħodx attent, il-mogħoż iduru għaliha. L-istess storja jekk fl-għalqa jew fil-passaġġ ta' bejn l-għelieqi jkun hemm xi siġar, dawn il-mogħoż kienu jżarmawhom billi jqaċċtu l-friegħi. Anke fejn jidħlu l-ġbejniet.

Fil-leġġendi toħroġ tajjeb ferm ir-rabja tal-Maltin/Għawdxin lejn ħalib il-mogħża. Dan il-ħalib hu wieħed ħafif. Fl-imgħoddi kienu jagħtu importanża aktar lill-ħalib tal-baqra milli dak tal-mogħża. Dan il-ħalib ma tantx kien jagħmel ġbejniet tajba, mhux bħal tan-nagħġa li minnu wieħed jagħmel ġbejniet tassew bnini u li wara dak ix-xogħol kollu l-ġbjeniet jibqgħu talikwali. Ir-rabja lejn il-mogħża jkompli minħabba n-natura tal-annimal. Dan ma tantx għandu kwiet. Joqmos, jiġri 'l hawn u 'l hemm. Barra minn hekk jipprova jiekol kull ma jiġi quddiemu, anke il-karti! Fl-aħħarnett wieħed irid idur fuq l-istorja tal-mediċina f'Malta. Is-snin ta' qabel u wara t-Tieni Gwerra Dinijija kien żmien meta l-Ingliż li kien qed jaħkem fuq il-ġżejjer Maltin, kien qed jara l-ħalib tal-mogħża bħala s-sors ewlieni tal-marda tad-deni irqiq. Fis-snin ħamsinijiet, il-gvern Malti kien qed jibdel sitt mogħżiet li kellu r-raħħal ma' baqra. Dan kien pass biex minflok il-ħalib tal-mogħża jidħol il-ħalib tal-baqra.

## Mistoqsija

Fiż-żewġ leġġendi hemm element ta' rabja min-naħa tat-Tarbija Ġesù. In-narratur bil-ħila tal-immaginazzjoni jieħu kliem il-Mulej u juru r-rabja tiegħu lejn il-mogħża. Il-kelma misħut xi ftit tqila għad-dinja tal-lum iżda għaż-żmien meta twieldu dawn il-leġġendi l-kelma ma kienetx daqshekk drammatika u tqila.

---

6 Aqra l-artiklu 'Il-Mogħoż u t-Tarxiniżi' miktub minn Joseph C Camilleri li ġie stampat fil-programm tal-festa tas-sena 2014 tal-Għaqda Mużikali Marija Annunzjata Ħal Tarxien p104 sa 109.

## Il-presepju

Min jaf kemm leġġendi twieldu quddiem il-presepju! Il-presepju kien u għadu mezz qawwi ta' dinja tal-ħolm u maġija fejn it-tfal ikunu jistgħu joħolmu fuq it-twelid tas-Sinjur Taghna Sidna Ġesů Kristu. Min jaf kemm leġġendi twieldu u mietu bla ma ħadd qabad pinna u karta. **Jekk int il-qarrej taf xi leġġendi jew aħjar stejjer marbuta mat-twielid ta' Ġesů jew ma' xi drawwa ta' żmien il-Milied, bħall-purċissjoni tal-Bambin jew id-daqq taż-żaqq, li nħolqu minn moħħ u qalb Malti jew Maltija wieħed** ***jista' jikteb lill-editur ta' din ir-rivista u dan jgħaddili l-materjal li intom tagħtu biex jien indaħħalhom mal-lista li dejjem tikber ta' leġġendi Maltin u Għawdxin.*** Jien min-naħa tiegħi ngħidilkom grazzi bil quddiem.

## L-Ikla ta' Jum il-Milied

Fl-imgħoddi lejlet il-Milied kien jum ta' sawm. Xi wħud kienu jsejħu dan il-jum is-sawma ta' lejlet il-Milied, oħrajn kienu jsibuh bħala il-jum s-sawma tal-Vgili tal-Milied[7]. Kulħadd kien iħares dan il-jum mill-aħjar li seta', anke t-tfal kellhom joqogħdu nieqsin minn xi ħaġa bħalma huma l-ħelu. Is-sawma kienet tibda mas-sebħ il-jum u kienet tibqa' sejra sa ftit qabel il-quddiesa ta' nofs il-lejl. Ħafna kienu jsumu minħabba l-biża' minn xi kastiġ. Tant li wieħed mill-qwiel Maltin jgħid: 'Min ma jsumx f'lejlet il-Milied imut bħall-klieb'.

Minn kien ser jisma' l-quddiesa ta' nofs il-lejl, bejn is-sawma u l-quddiesa ta' nofsilejl, kien jieħu xi ħaġa ħafifa tal-ikel. Kien hemm liġi tal-knisja li kienet tgħid li biex titqarben kellek tkun nieqes għall-inqas tliet siegħat mill-ikel. Minn le, kien jagħmel xalata. Fir-Rabat t'Għawdex minn fuq is-swar taċ-Ċittadella kienu jisparaw kanun u dan kien ifisser li s-sawma kienet spiċċat. Kulħadd kien idur għal fuq il-bejjiegħa tal-pastizzi u qassatat u jixtru kemm l-għajnejn jaraw ikel. Ma' l-ikel kien ikun hemm ix-xorb. Madwar it-Tokk kien ikun hemm xalata kbira ta' nies mir-Rabat kif ukoll mill-kampanja Għawdxija. F'Malta kull raħal u belt kellha l-ħanut tax-xorb jew kif kien aktar magħruf bħala l-ħanut tal-inbid. Hawn kienu jiltaqgħu l-irġiel biex qabel ir-raqda jinfexxu fix-xorb u l-logħob.

## L-ikla

Il-mara tad-dar kienet tqum kmien qabel il-membri tal-familja jerġgħu jmorru l-knisja tat-tliet quddisiet tal-Milied. L-ikla kienet tkun skond (1) il-but tal-familja (2) il-prodotti li l-familja kienet tkabbar fl-għelieqi tagħna (3) id-drawwiet tal-familja u x'kienu l-finanzi tal-familja. L-ikla tal-Milied kienet xi ħaġa speċjali. Il-familja kienet tinġabar madwar il-mejda u fost l-ikel ikun hemm divertiment kbir mimli ċajt u logħob bil-kliem.

F'Malta ma għandniex il-platt tipiku Malti tal-ikla tal-Milied. L-uniku ħaġa, ferm popolari, kien il-ħasi. Hemm diversi raġunijiet għaliex ma ġiex stabilit il-platt nazzjonali. Kull familja tal-kampanja kienet trabbi xi annimali – tiġieġ u fniek kienu

7 Cachia P; Il-Milied Malti fil-qwiel, għidut u ħmerijiet missirijietna, Magazin/Supplement, Il-Gens 23-XII-1988 p 4.

l-aktar popolari. Għalhekk għall-ikla tal-Milied il-mara tad-dar kienet tipprepara l-aħjar annimal li kellha l-familja. Ikla kbira kellha bżonn aktar laħam mis-soltu. Għalhekk daħal fin-nofs il-ħasi. Bil-ħasi l-omm setgħet tqassam aktar lill-ulied li wara jum sawm kienu aktar akkaniti biex jieklu.

Mal-ħasi kien ikun hemm platt għaġin jew ross. Kulħadd kien jagħżel li jħobb. Hawn min kien idaħħal ir-ravjul [8], oħrajn ross il-forn [9]. Wara kienet tipprepara l-ħasi bil-patata. Sew ross il-forn u sew il-ħasi kienu jispiċċċaw għand il-furnar. Il-mara tad-dar kienet tkellem lill-furnar jew aħjar lill-mara tiegħu biex tkun taf il-ħin sewwa meta kellha twassal l-ikel il-forn. Joseph A Farrugia jikteb hekk fuq l-ikla tal-Milied qabel it-Tieni Gwerra Dinjija: il-mara tad-dar....'kienet tibgħat lil xi tifel b'dan l-ikel biex jissajjar f'xi forn li kien hawn f'Ħal Tarxien' [10]. Is-sur Farrugia jagħti lista ta' fran li kien hemm fi żmienu fir-raħal tiegħu. Hu ssemmi lil Feliċa li kellha l-forn f'Simmons Avenue. Isemmi wkoll lil Patist li kellu forn fl-istess triq u qrib Patist kien hemm il-forn tar-Ruffieda. Dan kien f'waħda mill-eqdem toroq ta' Ħal Tarxien - Triq Betta. Naturalment, kien hemm aktar fran f'dan ir-raħal bħal tal-Gramm fi Triq Santa Marija.

## Ħelu

Ikla speċjali ikollha bżonn tal-ħelu u inbid. Hawn l-istorja tal-ikla tal-Milied tinbidel. Hawn il-poplu Malti waqqaf xi ħaġa li maż-żmien saret tipika tiegħu. Qed nirreferi għall-qagħaq tal-għasel li xi drabi kien ikun fih il-ġulġlien [11]. Barra l-qagħaq xi jħud kienu jdaħħlu l-imbuljuta tal-qastan [12]. L-inbid kien jinfetaħ apposta għal din l-ikla. Kien is-sorpriża tal-ikla. Hawn min kien jagħmlu hu l-inbid mill-għeneb tal-għelieqi tal-familja u hawn min kien jixtrih mill-ħanut tax-xorb tar-raħal jew belt. Aktar ma kien tajjeb aktar kien iqum. Kienu jsejħulu d-duwa tal-Madalena.

F'xi familji bdew idaħħlu ħelu magħmul min xi ditta tal-ħelu. Dan kien ikun aktarx a la Taljana. Din id-drawwa bdiet dieħla mit-twaqqif tal-ħwienet tal-ħelu bħal Cordina u Camilleri tal-Belt Valletta, il-familja kbira ta' Bonaci, fosthom Croce u Elia u Friggieri il-Busy Bee)[13]. Kien hemm ukoll il-London tal-Furjana kif ukoll Sluta ta' Bormla. Il-ftugħ ta' dawn il-ħwienet daħlu ħelu tipiku għal din l-ikla. Dan kien is-suflè[14].

Is-suflè jsir minn kejk imsejjaħ 'pane di Spanja' (ħobż ta' Spanja). Ikun fih il-'jelly' u krema ta' diversi ilwien l-aktar kannella (ċukkulata) u isfar (vanilla), irkotta b'xi qoxra tal-lumi jew larinġ u krema ratba ratba. Il-qofol tal-ikla kienet is-suflè[15]. Wara li kulħadd kien kiel u xorob, wara id-daħk u stejjer, wara l-għajjat u ferħ ikun imiss l-qalba tal-ikla – il-qsim tas-suflè. Il-qsim tas-suflè kien imfittex minn

---

8 Vella C., Is-Siġġiewi – Fl-ewwel snin ta' dan is-seklu, Każin Banda San Nikola, Siġġiewi Festa 1998 p62.
9 Farrugia J. A., Il-Milied fi ftuliti, Ħarġa speċjali tal-Milied, Kunsill Lokali Tarxien, bla numru tal-pagna u bla data.
10 Op cit
11 Cordina J., Il-Milied tan-nanniet tagħna, Il-Prespju, nru 1 Diċembru 1987 p13.
12 Vella op cit.
13 Cordina Joe op cit.
14 Massa A., Il-Milied; tifkiriet ta' tfuliti, Leħen il-Kunsill Lokali ta' Ħal Tarxien, Vol ru 2, Ħarġa numru 10 p 19.
15 Said F. H., The spirit of Christmas past, The Sunday Times, 28-12-2008 p56.

kulħadd. Xi xjuħ Tarxiniżi kienu jgħidu: 'Dan la għandu xewk u l-anqas għadam. Mal-gidma ġewwa[16]'.

Is-sinjur hu dejjem sinjur. Il-but tiegħu hu wieħed fond. Għall-ikla tal-Milied il-familja tat-tajjeb kien ikollha wkoll ħelu qadim Maltin bħalma hu l-ixkunvat[17].

## L-influwenza Ingliża

L-Ikla tal-Milied kienet waħda speċjali għall-Maltin iżda l-Milied ma kienx l-aqwa festa. Għall-Maltin l-aqwa festa tas-sena kien l-Għid. L-Ingliżi, li huma fil-maggur parti Protestanti jħarsu lejn il-Milied bħala l-aqwa festa u l-ikla tal-Milied hija ferm u ferm importanti. In-nies tas-Servizzi Ingliżi, kli kienu stazzjonati f'Malta, kienu jħaddmu l-Maltin fil-kċejjen tagħhom. Dawn in-nies ħadu diversi idejat u fost dawn kien hemm id-dundjan.

Id-dundjan mexa 'l quddiem fl-ikla tal-Milied għal diversi raġunijiet. (1) In-nuqqas tal-annimal prinċipali għall-ikla tal-Milied (2) Il-fiera tad-dundjani li bdiet issir fil-Baħrija. Il-qassis, Dun Frans Bianco, li kien imexxi l-kappella ta' San Martin fil-Baħrija, beda jorganizza l-fiera tad-dundjani. Din kienet issir fil-festa ta' San Martin li kienet tiġi f'Novembru. Il-familji Maltin kienu jmorru l-Baħrija għal din il-fiera u kienu jixtru dundjan li kienu jsemmnu sal-festa tal-Milied. (3) L-idejat ta' poplu, maħkum mill-barrani, li kien qed jagħmel minn kollox biex ibiddel l-istil tal-ħajja tal-Maltin. Il-Malti kellu triq waħda quddiemu jekk irid stil ġdid ta' ħajja – il-ħajja tal-Ingliż. Il-mixja biex il-Malti issir Ingliż aktar mill-Ingliż kienet bdiet tassew. Fost affarijiet oħra ta' stil Ingliż, kien hemm id-dundjan.

## Il-forn id-dar

Drawwa titwieled u drawwa tmut . Jekk id-dundjan ħa post il-ħasi, id-drawwa tal-ikel jissajjar fil-forn tar-raħal jew belt bdiet tispiċċa. Frans H. Said jikteb li l-gall (cooker) beda jidħol fid-djar fis-snin ħamsinijiet[18]. Dan kien permess tal-bejgħ tal-gass fost il-familji Maltin. Ta' min jgħid li l-gass beda jinbiegħ fil-bliet u l-irħula mid-ditta ta' Salvatore Bezzina. Bil-mod il-mod. Id-drawwa li tara t-tfal bl-ikel għall-forn bdiet tinqata'. Il-mara tad-dar bdiet issib ruħha aktar komda tibqa' d-dar f'jum il-Milied u ssajjar hi fil-gall, milli tibgħat wieħed minn uliedha bl-ikel il-forn.

## Wara l-ikla tal-Milied

Wara l-ikla kbira ta' din il-festa, kien imiss il-ħasil tal-platti u borom. Dan ix-xogħol kien isir min-nisa tad-dar, jiġifieri mill-mara tad-dar kif ukoll mit-tfajliet tal-familja. Ir-raġel u s-subien kienu bħas-slaten, ċiċċibeqqi, jiġifieri ma jagħmlu xejn. Wara l-ħasil kien imiss il-ħarġa ta' jum il-Milied. Din kienet ssir biex jew (1) il-familja tara xi presepju. F'kull raħal kien ikun hemm xi delittant tal-presepju. Dan kien jiftaħ id-dar tiegħu biex in-nies tmur tarah l-aktar f'jum il-Milied. Jekk ma kienx hemm xi presepju prim x'tara l-familja kienet (2) iżżur xi membru tagħha

16 Niftakar iż-żijiet li kienu jiġu għandna għall-ikla tal-Milied jgħidu dawn il-kliem.
17 Said op cit
18 Said op cit.

li ma kienx joqgħod fl-istess raħal. Waqt iż-żjara l-mara tad-dar kienet tagħti xi qagħaq tal-għasel lill-familja l-oħra. Din il-qagħqa kienet turija tax-xogħol u ħila li kellha l-mara tad-dar. Wieħed kien mistenni jduq din il-qagħaq tal-għasel u wara kienu jitwieldu l-kummenti sbieħ dwar il-qagħqa. Bħal: 'Kemm hi tajba' , 'kemm taf issajjar', 'prosit' u kummenti sbieħ bħal dawn.

## L-ikla illum

L-ikla tal-Milied tal-lum hija taħlita tad-drawwiet li twieldu ma' tul is-snin. Fiha elementi qodma li ġejjin mill-moħħ u l-qalb Maltija, kif ukoll drawwiet li ġejjin mill-ħakkiema Ingliżi. Illum il-mezzi tal-kommunikazzjoni għandhom seħer fuq in-nies. Drawwiet barranin qed jidħlu bil-mod il-mod fid-dinja Maltija. Min jaf fi żmien ta' ftit snin oħra, kemm drawwiet ser jieħdu post dawn id-drawwiet sbieħ li aħna ħadna mingħand ix-xjuħ tagħna. Kemm drawwiet tal-Milied ser jibgħu fil-qalb Maltija għall-jum sabiħ u maġiku tal-Milied.

PRIVAT
għat-tfal tal-Primarja

Privat għaż-żgħażagħ
tas-sekondarja
**(Matematika)**

Post: 100, Triq Santa Marija Ħal Tarxien

Tel: 21436090 / 79317436

Ikun hemm lezzjonijiet anke fix-xhur tas-sajf

Għall-Bejgħ ktieb
'Ġabra
tal-Leġġendi'
dwar leġġendi
Maltin u Għawdxin
maħruġ mid-ditta Wise Owl
tar-Rabat (Malta).
Wieħed jista' ċempel lill-awtur
Joseph C Camilleri
fuq 21436090.

*Aktar tagħrif u informazzjoni dwar*
*l-***Għaqda Ħbieb tal-Presepju**
*tistgħu ssibuh fuq*
**www.presepjumalta.org**

# Fil-Presepju

Nixtieq kont il-pastur
li jġorr l-għeneb pur fuq spalltu milwija,
ħa nagħsarlek għanqud u nisqik b'sabar,
kemm tbill griżmejk u tħoss is-sħana tal-ġabra!

Nixtieq kont il-pastur
ragħaj idur bil-merħla tiġri ma' saqajh,
ħa nressaqhom ħdejn il-grotta jindokrawk,
rashom baxxuta, jafu l'Int il-Ħallieq!

Nixtieq kont il-pastur
iġorr id-dqiq fuq spalltu minn qamħa dehbiena,
ħa nordna l-furnar iħejji l-isbaħ ftira,
mhux il-ħobż u kliemek biss l-għixien tal-bniedem!

Nixtieq kont il-pastur
daqqaq biż-żummara jew bit-trumbetta,
f'ħin inferrħek, nifraħ jien ukoll b'għanjiet tal-Milied,
f'nofs l-lejl mat-tanborlin ngħannik Messija!

Nixtieq kont il-pastur
l-għaġeb jew il-kurjuż jixxabbat mal-għar,
ħa ngħix dal misteru tal-kartolini
b'fidi, b'għajnejn miftuħa nħabbrek Feddej!

Nixtieq kont il-pastur
bil-ġwienaħ ifaħħrek u jgħatik glorja,
ħa nkun jien l-ewwel xhud li nwassal l-aħbar,
fl-għerien, fil-presepji u f'qalb il-bnedmin!

(Meħudha mill-ktieb ta' Jonathan Balzan "IRDIEDEN"
bil-permess ġentili tal-istess awtur.)

# Għanijiet

## tal-Għaqda Ħbieb tal-Presepju

**huma:**

*• Li l-presepju jkompli jinbena fil-familji Maltin fil-Milied*

*• Li tkabbar aktar sens ta' ħbiberija fost id-dilettanti tal-presepju*

*• Li tappoġġja x-xogħol tal-artisti u tal-kittieba fejn jidħol artiġġjanar u letteratura konnessi mal-presepju*

*• Li torganizza korsijiet u lectures konnessi mal-bini tal-presepju*

*• Li twaqqaf wirja permanenti tal-presepju*

*• Li toħloq relazzjonijiet kemm fuq bażi nazzjonali u internazzjonali ma' entitajiet simili. Dawn ir-relazzjonijiet iservu għal bdil ta' aħbarijiet kif ukoll għal pubblikazzjonijiet dwar xogħlijiet tal-presepju.*

# "il-Presepju" fuq l-Internet

Kien ilha x-xewqa ta' xi membri tal-Għaqda tagħna li l-fuljett "il-Presepju" jiġi mxandar ukoll fuq l-Internet permezz tal-website tagħna. Wara li din l-ideja ġiet ikkunsidrata, rrid ngħid xi ftit fit-tul, wasalna biex nilqgħu dan is-suġġeriment u l-fuljett tagħna npoġġuh għad-dispożizzjoni ta' dawk kollha li jżuru s-sit elettroniku tagħna.

L-ewwel ħarġa li tpoġġiet fuq is-sit tagħna hija dik ta' Diċembru 2013.

Il-ħarġiet l-oħra minn issa 'l quddiem ser jiġu inklużi fl-istess paġna tas-sit **www.presepjumalta.org** bit-titlu FULJETT.

Inħeġġukom li twasslu dan il-messaġġ lil ħbieb u familjari tagħkom li jgħixu barra minn Malta biex anke huma jkunu jistgħu japprezzaw ix-xogħol tagħna u jżommu ħajja it-tradizzjoni sabiħa tal-Milied madwar il-Presepju.

# Folklor tal-Milied

kitba u riċerka ta' Charles Coleiro

Ix-xahar ta' Diċembru reġa' magħna bl-isbaħ festa tas-sena u l-egħżeż ġrajja li tgħaqqad lill-familji tagħna flimkien.

Kollox ifakkrek fil-festi ta' dawn il-jiem: it-toroq u l-ħwienet, id-djar imżejna u l-istess natura li tilbes il-libsa tax-xitwa biex toqgħod għall-qawl "qabel il-Milied la bard u lanqas ksieħ !"

B'dawn il-pinzellati mill-ilwien tal-Milied noħorġu l-kwadru tal-Milied tradizzjonali, Milied Malti bid-drawwiet u l-folklor, tifkiriet tal-poplu ta' dawn il-Gżejjer li forsi dari aktar mil-lum, ħieles minn drawwiet oħra li daħlu, kien jgħożż l-identita' fuq sfond aktar reliġjuż.

B'ħarsitna lura, nqallbu l-paġni tal-Istorja biex niflu, ħafif ħafif, dak li jagħmel dan il-Milied, mediterranju, nistgħu ngħidu, qrib l-istess pajjiż fejn twieldet it-tarbija protagonista ta' dawn il-festi.

Semmejt il-qawl marbut mat-temp u nkompli bl-irwiegel (plural ta' regula) li bosta minna jemmnu fihom. Jibdew nhar it-13 ta' Diċembru, nhar Sant Luċija sal-24 tax-xahar. Kull ġurnata hi tewmija max-xahar, mill-ewwel ġurnata, it-13 li tfakkrek f'Jannar u l-bqija sal-24 li tagħlaq bix-xahar ta' Diċembru. U l-bassara agrikoli jsostnu, it-temp ikun bnazzi jew maltemp fix-xhur tas-sena l-ġdida, skont kif ikun f'dawn il-ġranet ta' qabel il-Milied.

Hi drawwa tagħna li f'dawn il-jiem nilqgħu lil xulxin bit-tislima familjari: "il-Milied it-Tajjeb" li fil-ġimgħat ta' qabel tniżżlu fuq kartolina u j'Alla hekk, bil-Malti meta nibgħatuhom lill-Maltin bħalna. Il-kartolini llum drajna bihom u forsi ftit jieqfu u jaħsbu kif bdiet din id-drawwa. Nafu li fl-Ingilterra l-ewwel kartolina ntbagħtet fl-1846 iżda f'Malta ħjiel ta' dawn ix-"xewqat tajba" jagħtihomla qassis miż-Żurrieq, Dun Ġużepp Farrugia li sibna f'kitibietu li "għal bidu tas-Seklu (dsatax) kienu jintbagħtu biljetti tal-viżta bil-ħala, l-aktar bejn l-għonja u l-aktar nies li jistgħu." Il-kartolini bdew isiru komuni minn żmien l-ewwel gwerra dinjija 'l hawn u f'Malta, fi żmien l-Ingliżi. Għall-ewwel kienu jiktbu kliem sempliċi, bħal "Buon Natale" u bil-lingwa l-aktar użata fil-kitba, bit-Taljan; wara daħal l-Ingliż fuq kartolini aktar elaborati u wasalna biex fl-aħħar bdew jidhru kartolini bil-Malti. Niftakar fil-kampanja b'risq l-Ilsien Malti meta konna nedejna fil-Moviment Qawmien Letterarju fl-aħħar tas-snin sittin.

Lura aktar fiż-żmien (iżda bl-istess ħsieb ta' xewqat bil-fomm) fis-snin li għamlu l-Kavallieri fostna, nhar il-Milied filgħodu, ġemgħat sħaħ kienu jmorru l-Palazz biex jixtiequ l-Milied it-tajjeb lill-Gran Mastru u jbusu jdejh. L-istess kien jiġri fil-Palazz tal-Isqof. F'nofsinhar, imbagħad il-Gran Mastru kien jagħti ikla għall-membri tal-Kunsill u jistieden lill-Isqof u lill-Inkwiżitur u l-Gran Prijur ta' l-Ordni.

Il-familja Maltija ta' dari kellha wkoll l-ikel u ħwawar tradizzjonali tal-Milied. Aktar mid-dundjan tal-lum, dawk ta' qabilna kienu jservu fuq il-mejda xi fenek ġo

reċipjent tal-fuħħar imsejjaħ "il-baqra" li fl-għamla tiegħu kellu r-riġlejn u r-ras ta' baqra. Insemmu l-qastan tal-imbuljuta iżda forsi l-aktar li baqgħet ħajja fostna f'dawn il-ħwawar hi l-qaqgħa tal-qastanija, bil-mili magħmul bl-għasel u s-smid u mħallat bix-xorb. Dan il-ħelu daħal fil-Milied tradizzjonali għaliex jissemma' fl-istess għanja qadima "Ninu, ninu tal-Milied, ommi għamlet il-qagħqiet.....il-qagħqiet tal-qastanija." U nsemmu wkoll ix-xorb, aktarx kien ir-rożolin (bħal mastika), ir-rum bil-misħun (imsejjaħ 'ponċ' u naturalment xi qatra tal-għenba !

Drawwa oħra li baqgħet magħna hi dik tax-xgħir u l-ġulbiena miżrugħa tradizzjonalment qrib jew nhar il-festa tal-Kunċizzjoni. Nibqgħu fid-drawwiet li bqajna ngħożżu: fl-1907 Dun Ġorġ Preca waqqaf is-Soċjeta' tal-MUSEUM u ried li l-imseħbin tiegħu jagħmlu bħal dimostrazzjoni bil-Bambin. Din id-dehra tax-xbiha tal-Bambin seħħet fl-1921 fil-Ħamrun u daħlet f'kull belt u raħal ta' pajjiżna u barra minn xtutna bis-saħħa ta' dawn il-missjunarji qalbiena, ulied San Ġorġ Preca. U b'rabta mal-aspett tal-folkor reliġjuż ma nistax ma nsemmix l-għanja tradizzjonali "Il-Benniena ta' Ġesù" bl-ewwel vers magħruf 'Ninni la tibkix iżjed'. L-awtur ta' din il-*carol* Maltija huwa l-Ġiżwita, Patri Indri Schembri li twieled Ħal Luqa nhar l-1 ta' Settembri 1805 u miet fl-1837.

Il-lingwaġġ b'Malti ħafif u mexxej tal-poeżija daħal fil-wirt ta' l-istrofi popolari u sab mużika mqabbla biex saret l-għanja Maltija tal-Milied. Kitibha bi kliem tat-tfulija li min jaf kemm sema' lil ommu ssejjaħlu biex jorqod bil-kelma 'ninni' (li tnsslet mill-Ispanjol nino – tifel). Mhux kulħadd jaf li din l-għanja Patri Schembri kitibha għall-komunita' Maltija fl-Alġier fejn kien għal xi żmien. Hawnhekk xtaqt insemmi wkoll it-taqbil popolari tal-għannejja li kienu joħorġu magħhom id-daqqaqa taż-żaqq u t-tanbur iduru mat-toroq. Fost l-istrofi popolari iltqajt ma' din:

Duwi duwi pastorelli,
Pastorelli duwi si' (jiġifieri żewġ pasturi – rgħajja)
Għax twieled Gesu' Bambin
Qalb il-ward u l-ġiżimin,
Dak inhar kienet Vitorja
L-Anġli kollha jdoqqu l-glorja.
Glorja lilek, Kristu Alla
Għax twelidt ġewwa l-istalla. (eċċ)

Tissemma l-kelma 'pastorelli' mit-Taljan jew aħjar l-Isqalli 'pastore' – ragħaj għaliex bosta mid-drawwiet li writna ħadnihom mill-pajjiż ġar tagħna, fosthom l-istess grotta u l-presepju għalkemm dawn ukoll libbisnihom il-libsa Maltija f'surithom. Għalhekk il-pasturi għammidnihom b'xeħta Maltija u għadna nsibuhom bħala l-"għaġeb" tal-presepju, ix-"xabbati", is-"sajjied" u "tal-forn" u naturalment l-"għannejja" u dawk taż-"żaqq" u t-"tanbur".

Lura mill-ġdid fis-snin....kellna bosta drawwiet, twemmin u logħbiet li bihom kienu jehdew in-nies fil-jiem tal-Milied jew jimlew il-ħin ta' lejletu sakemm jidħlu għall-quddiesa ta' nofs il-lejl li nfakkru lejlet il-Milied kienet ġurnata ta' Vġili (b'Malti sempliċi il-lejl ta' qabel). Kien ifisser sawm u astinenza mil-laħam – kif kien jiġri fil-festi kbar tal-Knisja bħal l-Għid ta' l-Assunta.

Kull raħal kellu l-logħob tiegħu u f'Għawdex niltaqgħu ma' waħda mhix bħal l-oħra fosthom: l-irġiel kienu jinġemgħu fil-ħwienet u jorbtu qagħqa tal-għasel mal-lampa mdendla mis-saqaf. Bil-ġirja minn fejn il-bieb u b'idejhom wara, kienu jiġru għal taħt il-lampa u min b'ħalqu jirnexxilu jaħtaf il-qaqgħqa, jeħodha.

L-ispirtu reliġjuż ta' missirijietna kellu għeruq qawwija iżda lejlet il-Milied spirti oħra kienu jimirħu fl-imħuħ ta' niesna. Kienu jemmnu li min jitwieled f'nofs il-lejl, sbieħ il-Milied, kien jagħtih bħal "ħmar il-lejl" u joħroġ barra u jsir GAWGAW, li meta jikber isir mostru. Għalhekk il-ġenituri kienu jehdew lil dawn it-tfal f'dik il-lejla billi jġegħluhom jaljenaw ruħhom u joqgħodu jgħoddu t-toqob ta' għarbiel, bil-paċenzja kollha.

Il-kummerċ li rikeb fuq l-ispirtu reliġjuż ta' dawn il-ġranet, dari ma tantx kien iqalla' flus lil tal-ħwienet u jekk kien jingħata rigal dan kien isir nhar l-Ewwel tas-Sena – l-Istrina, bit-tfal jagħmlu xalata sħiħa iduru lill-qraba b'xi karus tal-fuħħar biex iċekċkulhom xi ħaġa tal-flus u jagħtuhom din l-Istrina.

Lil dawn it-tfal l-aktar li kienu jagħtuhom, lejlet il-Milied kien aktarx xi

oġġett tal-logħob, imqiegħed taħt l-imħadda u l-ġenituri kienu jgħidulhom li dar-rigal ġabulhom il-Bambin, drawwa oħra li tixbaħ lill-borża ta' San Martin imqiegħda taħt l-imħadda li fi tfuliti kienet għadha magħna. U la ssemma San Martin, il-logħob tal-Milied kien l-aktar dak li s-soltu t-tfal kienu jehdew bih, id-"daqqa xejn", il-logħba "tal-bojja", in-"noli" u għall-bniet iż-żibeġ u l-"passju" fost l-oħrajn iżda ma' dawn kienu jiżdiedu l-logħob tal-"kastelli" bil-lewż u l-ġellewż li jkun baqa' mill-ġranet ta' San Martin.

Bis-sehem tat-tfal tingħaqad il-prietka fil-quddiesa ta' nofs il-lejl li sa ftit żmien ilu kienet issir flok l-omelija taċ-ċelebrant, wara l-qari tal-vanġelu. Bdiet fil-knejjes tagħna, fis-Seklu 19 u fl-ewwel snin tas-Seklu 20. Għall-ewwel kienu jlibbsu xi tfal subjien ta' kjeriċi u jgħallmuhom xi erba' kelmiet għal xi festa partikulari u wara, din id-drawwa ta' tifel jippriedka għaddiet għal waqt il-quddiesa ta' nofs il-lejl. Il-membri tas-Soċjeta tad-Duttrina Nisranija – il-MUSEUM kellhom u għad għandhom sehem importanti fl-għażla ta' xi tifel bravu, għalkemm minn ftit taż-żmien 'l hawn qegħdin jagħmluha wkoll il-bniet.

Tajna daqqa t'għajn lejn xi drawwiet, (u mhux kollha) uħud minnhom għebu għal kollox u biex nerġa' nsemmi l-Istrina li għandha rabta mal-festi tal-Milied, insemmi drawwa oħra mill-imgħoddi: Xi erba' daqqaqa kienu joħorġu jdoqqu fit-toroq wara l-bibien u kulħadd jixħtilhom l-istrina f'xi bott. Imbagħad kellna t-tfigħ tal-ġir abjad fuq l-għatba tal-bieb. Il-ġirien qabel jisbaħ l-ewwel jum tas-sena l-ġdida kienu jxerrdu wieħed lil ieħor ftit ġir fuq l-għatba ta' barra, b'xewqat ta' ġid u risq għas-sena l-ġdida.

U b'dan l-istess ħsieb ta' risq u hena nagħlqu l-ktieb tal-Istorja bil-kwadri ħajja ta' drawwiet u twemmin tal-poplu tagħna f'dawn il-ġranet sbieħ tal-Milied.

# SERATA TA' EGĦLUQ IS-SENA

**NHAR IS-SIBT 3 TA' JANNAR, 2015**
**FIS-SALA SAN FRANĠISK,**
**TRIQ MELITA, VALLETTA**
**MILL-5.30 P.M. IL-QUDDIEM**

**Programm:**
**QUDDIESA TA' RADD IL-ĦAJR**
**RIĊEVIMENT**
**TQASSIM TA' TOKENS, ĊERTIFIKATI**

***Biljetti jinkisbu mis-Sala San Franġisk, Triq Melita, Valletta waqt il-Wirja Annwali ta' Presepji.***

***Prezz tal-biljett:***
***Kbar €2 Tfal sa 11 il-sena: Xejn***

# Kont taf?.....

- It-tradizzjoni tal-presepju tmur lura aktar minn erba mitt sena?
- Imma fis-snin ħamsin daħlet id-drawwa li n-nies jarmaw is-siġra tal-Milied. Mhemm xejn ħażin fdin imma il-presepju hu aktar importanti għax fuq kollox din hi festa tat-twelid tal-Bambin. Hu mportanti ħafna aktar mis-siġra li xi wħud jarmaw waqt li jinsew l-aktar ħaġa mportanti il-Bambin.
- Biex jieħdu ħsieb li d-drawwa li narmaw il-presepju ma tieqafx, grupp ta' nies li jħobbu l-presepju, għamlu l-Għaqda Ħbieb tal-Presepju.
- Ir-raġuni ta l-Għaqda kienet u għada li n-nies ma jinsewx il-presepju. Mhux sew inżejnu d-dar bħħafna tlellix u ninsew lill-Bambin Gesu.
- Kieku mmorru birthday party ta xi ħbieb tagħna aħna żgur li nifirħu magħhom u ma ninsewx li l-party sar għalihom. Ma noqogħdux nieħdu gost bit-tiżjin u ma nkellmux lil dak li jkun għalaq sninu. U hekk fil-festa tah Ġesù. L-importanti hu l-presepju li jfakkarna li Ġesù twieled f'għar fqir għalina.

# Mid-Djarju tagħna...

**Charles Bellia**
Segretarju

Għaddiet sena oħra!  Bħall-oħrajn ta' qabilha kienet sena li, għalkemm ma offrietilna xejn speċjali ħallitilna wkoll memorji sbieħ ta' xogħol biex il-presepju jkompli jikber fil-popolarita fil-gżejjer Maltin. Il-fuljett tagħna, u partikolarment il-ħarġa tiegħu fi żmien il-Milied, huwa mezz tajjeb biex aħna, għaliex le, niftaħru ftit b'dak li nkunu wettaqna matul ix-xhur li jkunu għaddew biex l-għanijiet tal-Għaqda Ħbieb tal-Presepju – Malta jkomplu jintlaħqu u jgħatu l-frott.

Kif wieħed jistenna il-Wirja Annwali ta' presepji li l-Għaqda ttella' fix-xahar ta' Diċembru tkun il-qofol tal-ħidma li tkun saret matul is-sena. Il-wirja tas-sena l-oħra kienet riżervata għall-presepji maħdumin mill-membri tal-Għaqda, fosthom neo-presepisti li għamlu l-ewwel presepju tagħhom waqt il-kors li l-Għaqda tagħmel kull sena matul is-sajf. Kellna sala mimlija bi presepji ta' daqsijiet u forom differenti, maħdumin minn daqstant materjali, fil-maġġorparti tagħhom riċiklati. Kienet wirja li attirat numru tajjeb ħafna ta' viżitaturi kemm Maltin kif ukoll barranin li kienu f'Malta għal vaganzi tal-Milied. L-apprezzament tal-pubbliku, partikolarment dak barrani kien evidenti u bla ma trid kont tħoss sodisfazzjon għar-riżultat miksub għal sena oħra.

**Is-Sibt 21 ta' Diċembru 2013 – Egħluq il-Wirja**

Fl-aħħar ġurnata tal-wirja kellna sorprisa...xi ħadd innota li fin-naħa ta' ġewwa tas-sala l-kbira kien hemm xi ilma. Dan baqa jiżdied sakemm fil-għaxija kellna nwaqqfu n-nies milli jidħlu sa gewwa.

L-għada fil-għodu, meta erġajna lura biex inżarmaw il-wirja, sibna xmara żgħira ħierġa minn taħt il-ħajt u wara li timxi mgħaġġla matul is-sala tispiċċa f'għadira f'kuritur li jinsab ftit aktar fil-baxx. Ma kienetx dehra sabiħa...anke jekk il-ħsara li laħqet saret kienet aktarx minima. Bdejna nimbuttaw l-ilma filwaqt li nippruvaw nsibu x'seta ġara!  Xi ħadd ġietu l-ideja li nċemplu lill-Korporazzjoni għas-servizzi tal-ilma li bgħatet xi impjegati tagħha biex jinvestigaw. Dawn sabu li kien hemm xi ħsara fi Triq ir-Repubblika u l-ilma sab triqtu lejn is-sala tagħna fejn ħolqilna sorpriża u ftit xogħol mhux ħażin. Sadanittant, il-membri tal-Għaqda ġew u rtiraw il-presepji tagħhom u sa filgħaxija kollox kien taħt kontrol.

**Il-Ħamis 26 ta' Diċembru 2013 – Żjara f'Għawdex**

Il-festi tal-Milied gawdejnihom mal-familji tagħna u kmieni nhar San Stiefnu iltqajna l-Furjana minn fejn tlaqna għal dawra mal-presepji Għawdxin. Kif wasalna Għawdex tlajna x-Xagħra fejn sibna xejn inqas minn tmintax il-presepju jistennew iż-żjara tagħna. Hawnhekk iltqajna ma' Dun Mikiel Borg, Kappillan ta' Marsalforn u ko-fundatur tal-Għaqda Ħbieb tal-Presepju–Għawdex-Malta. It-temp għalkemm

xi ftit xitwi tana ċans induru u ngawdu l-presepji. Wara l-ikel f'Marsalforn, tlajna n-Nadur fejn rajna xi żewġ presepji oħra u wara inżilna l-Imġarr minn fejn tlaqna lejn Malta fil-5.15 p.m.

**Is-Sibt 4 ta' Jannar 2014 – Egħluq is-Sena**

Quddiesa ta' Radd il-Ħajr fetħet is-Serata ta' Egħluq is-sena. Iċ-Ċelebrant kien Dun Mikiel Borg, li laqa' l-istedina tagħna u ġie minn Għawdex biex iqaddes għalina fis-Sala San Franġisk. Fl-omelija qasira tiegħu Dun Mikiel ħeġġiġna biex inkomplu ngħożżu l-presepju u nxerrdu l-paċi li t-twelid tal-Bambin Ġesù ġab fid-dinja.

Wara l-quddiesa, kilna u xrobna xi ħaġa flimkien u wara qassamna tifkiriet lil dawk il-membri li ippartecipaw fil-wirja billi offrew il-presepji tagħhom. Din is-sena it-tokens inħadmu mill-President u Vici President tal-Għaqda, Andrew Spiteri u Victor Darmanin rispettivament. Intogħġbu ħafna mill-membri, għaliex fis-sempliċita tal-forma tagħhom, kien hemm dak kollu li hu l-Milied...is-Sagra Familja magħquda f'tgħannieqa ta' mħabba.



Hekk spiċċat is-sena 2013...b'arja ta' kuraġġ għal sena oħra ta' ħidma favur il-presepju.

**L-Erbgħa 5 ta' Marzu 2014 - Il-Laqgħa Generali Annwali**

Il-Laqgħa Ġenerali Annwali din is-sena saret fil-Kunvent tal-Patrijiet Franġiskani fi Triq ir-Repubblika, l-Belt. Kull sena bħal dan iż-żmien, ikollna nċedu s-Sala San Franġisk lill-Għaqda tal-Mudelli tal-Knejjes li jkunu qed jippreparaw il-wirja tagħhom.

L-attendenza għall-Laqgħa ta' din is-sena kienet waħda tajba, b'għadd ta' uċuħ ġodda. Ir-rapport Amministrattiv mis-Segretarju u dak Finanzjarju mill-Kaxxier intlaqgħu tajjeb u kien hemm kummenti tajbin għal kontenut tagħhom. Ma naqsux xi proposti jew idejat ġodda dwar il-ħidma tal-Għaqda anke fil-kamp internazzjonali. Sar ukoll aċċenn għal kollaborazjoni ma' għaqdiet barranin, li fil-passat dejjem ħallew il-frott.

Din is-sena ma kellniex elezzjoni, imma biss tiġdid tal-Kunsill Amministrattiv. Fil-kelmtejn tiegħu il-President irringrazzja lil Kunsill għax-xogħol li sar matul is-sena li kienet għaddiet, kif ukoll lill-membri li attendew għall-laqgħa. Huwa awgura sena oħra ta' progress fil-mixja tagħna lejn it-twettieq tal-għanijiet li għalihom twaqqfet l-Għaqda.

**Il-Ħadd 13 ta' April, 2014 – Ħadd il-Palm**

Kien ilna ma nżuru wirjiet tal-Ġimgħa l-Kbira f'Malta; għalhekk din is-sena ddeċidejna li mmorru naraw x'kienu qed joffru d-dilettanti Maltin fir-Rabat, il-Mosta u n-Naxxar. Żorna ftit wirjiet mhux ħażin, kollha armati sew u bl-ikbar reqqa. Anke jekk ħafna mill-istatwi li rajna kienu impurtati, ix-xenografija li fiha tpoġġew kienet waħda interessanti u magħmula b'attenzjoni. Nawguraw lid-dilettanti tal-Gimgħa

l-Kbira, futur sabiħ fid-delizzju tagħhom li jżommu ħajja t-tradizzjoni ta' din il-festa kbira fil-gżejjer Maltin.

**Mejju-Ġunju-Lulju 2014**

Dawn it-tliet xhur issa saru parti integrali mill-ħajja tal-Għaqda tagħna. Dan għaliex matulhom, ikollna xi lectures u fuq kollox ikollna l-kors dwar il-bini tal-presepju. Din is-sena l-lectures li saru matul Mejju iffokaw fuq il-presepju Naplitan, il-presepju ta' missierijietna u l-Milied fil-pittura Maltija. Il-kelliema f'dawn il-lectures ma setax jonqos li jkunu Dun Edgar Vella, Guido Lanfranco u Tony Terribile, tliet persuni li m'għandhom bżonn ebda introduzzjoni.

Tnejn u tletin persuna, bejn membri u ħbieb attendew għall-kors ta' din is-sena. Ġimgħa wara l-oħra l-interess u l-entużjażmu ta' dawn in-neo presepisti kompla jikber u għin biex jintlaħaq l-iskop ta' dan il-kors – dak li inħeġġu aktar nies biex jibnu l-presepju tagħhom. Kellna atmosfera sabiħa, bil-parteċipanti jesprimu l-idejat tagħhom bil-karti, ġibs u jablo bl-għajnuna ta' membri tal-Kunsill.

**Is-Sibt 4 ta' Ottubru, 2014 - Notte Bianca**



Bħas-snin li għaddew l-Għaqda fetħet il-bibien tagħha għall-pubbliku li daħal idur il-Belt fin-Notte Bianca. Sfortunatament, din is-sena l-pubbliku daħal il-Belt imma ftit li xejn resaq lejn attivitajiet kulturali simili għal tagħna. Madankollu l-ftit nies li gew jarawna naħdmu l-presepju urew interess u tkellmu magħna dwar dak li jirrikjedi l-presepju.

**Ottubru u Novembru – Lejn il-Wirja Annwali u oħra barra xtutna**.

Il-wasla ta' Ottubru tkun tfisser li l-Wirja Annwali ta' presepji tkun qed toqrob u għalhekk jibda x-xogħol tal-armar fis-Sala San Franġisk. Bil-mod il-mod bdew deħlin l-applikazzjonijiet biex membri jesibixxu l-presepju tagħhom fil-wirja. Ix-xogħol fuq l-armar beda kmieni u mexa tajjeb, anke bl-għajnuna ta' xi membri tal-Għaqda li ġew jgħatu daqqa t'id.

Din is-sena, ma kellniex biss il-wirja fil-Belt x'nippreparaw, imma wkoll kellna wirja oħra fi Sqallija. Din il-wirja kienet riżultat ta' stedina li s-segretarju tagħna irċieva mill-Assessorat tat-Turismu f'Acitrezza u Aci Castello. Minkejja l-viċinanza ta' din il-belt Siċċiljana, il-problemi ma naqsux imma d-determinazzjoni wasslitna biex fis-17 ta' Novembru tlaqna grupp ta ftit iżjed minn 20 ruħ għal gita fi Sqallijja li matulha armajna u inawgurajna wirja b'xejn inqas minn tnejn u għoxrin presepju Malti. Din il-wirja kienet apprezzata mhux biss mill-awtoritajiet ta' Aci Castello imma wkoll mill-pubbliku Sqalli li żarha matul il-ġimgħat li damet miftuħa.

Għal-lum id-djarju tagħna jieqaf hawn. Imma l-Għaqda tibqa' għaddejja bil-ħidma tagħha, dejjem b'idejat ġodda biex tkompli tilħaq l-għan prinċipali tagħha dak li l-Milied Malti jkun iċċelebrat madwar il-Presepju.

# Ta' Valletta

L-ikbar għażla ... bl-aqwa prezzijiet





**● Bambini ta' Spanja, tal-Italja u ta' Malta**
**● Pasturi ta' kull daqs u tip ● Presepji ● Siġar tal-Milied**
**● Xema ta' kull tip u daqs**
**● Statwi titulari ta' Malta u Għawdex ● Rigali**
**● Kartolini u wrapping paper, u kull ma tista' timmaġina għat-tiżjin tad-dar jew post tax-xogħol tieghek**

**Uri dan ir-riklam meta tiġi tixtri mingħand Ta' Valletta u tingħata skont ta' 5%**

**Ta' Valletta – 222A High Street, Hamrun HMR06**
**Tel: 2702 6262 Mobile: 9942 1683 -7923 9157**
**e-Mail: cedric@tavalletta.com**
**website: www.thechristmasshop.com.mt**

# Priedki tal-Milied

Priedka tal-Milied (Parkville: 2011) Awstralja, minn Fr. Edwin Agius mssp.

Wara ħafna tentativi biex nkseb xi priedki tal-Milied li jkunu saru bara minn xtutna, illum bil-pjaċir ser nwasslilkom priedka miktuba minn Fr. Edwin Agius mssp, li saret f'Parkville, l-Awstralja 2011. Tajjeb li minn għandu xi priedka tal-milied li tkun ġiet ireċtata 'l bogħod minn art twelidna jibagħtili.

*"Ejjew l-aħwa, ilkoll ninġabru,*
*Quddiem dan Ġesù Bambin,*
*Illi kien bil-wisq jitgħaxxaq*
*F'din il-art bit-tfal ċkejknin."*

Naħseb li ħafna minnkom, Maltin li għixtu Malta snin ilu, tiftakru dan il-kliem sabiħ, li bih, fil-knejjes kollha, filgħodu kmieni, kontu titolbu waqt in-Novena tal-Milied.

Aħna wkoll, illum, ninsabu miġbura quddiem Ġesù Bambin, għax illum jum mill-isbaħ, u qalbna lkoll timtela' bil-ferħ, għax twieled għalina lkoll is-Salvatur tagħna, li sar Bniedem bħalna, u hekk seħħet għalina l-wegħda sa mill-ħolqien tad-dinja: Alla ġie jgħammar fostna u wriena l-Imħabba kbira Tiegħu lejna.



*"Tabilħaqq li aħna foqra,*
*Illi għaqal ma' għndniex,*
*Imma, Ġesù Sultan tal-ħlewwa,*
*Naqtgħu qalbna ma jridniex."*

Ġesù twieled fil-faqar, ma kellu xejn madwaru ħlief lil Ommu Marija, u Ġużeppi r-Raġel Ġust tagħha, u baqra u ħmara. Ġesù ried jagħtina eżempju: jekk aħna nħossuna fqar ifisser li aħna bħalu, u hekk iridna nkunu. Il-ħwejjeġ tad-dinja ma jagħmluniex kuntenti. Ġesù jrid fina li jkollna qalb sempliċi u li taf tħobb kif iħobbna hu.

*"Ħaġa waħda biss Ġesù jrid minna,*
*Illi nżommu safja 'l qalbna,*
*Li nħobbuh kif huwa ħabbna,*
*Li bil-ħrara nżejnu talbna."*

Ġesù twieled fil-familja ta' Ġużeppi u Marija. Uriena biċ-ċar, li fil-familja biss tinsa 'l hena. Nitolbu għalhekk għall-familji kollha tagħna, biex fihom ikun hemm dejjem dan l-ispirtu li fih twieled Ġesù Bambin, għax dan hu li jagħmilna Insara tajbin u jkollna l-paċi.

*"Aħna foqra wlied il-faqar,*
*Ma għandniex Ġesù x'nagħtuk,*
*nistgħu biss nagħtuk 'il qalbna,*
*għax sid tagħha nixtiequk."*

Iva, Ġesù jrid ikun sid tal-qalb tagħna, imma aħna wkoll hemm bżonn li nħalluh ikun sid tagħna, jekk kemm il-darba inħobbu lilu biss u qabel kollox.

"O Ġesù x'kien illi ġagħlek
Ta' missierek tħalli l-ħdan,
Issir bniedem, tgħix ta' fqajjar
U sa tieħu l-mewt ferħan."

Il-festa tal-Milied hija mimlija bil-misteru, ta' l-Iben t'Alla li sar bniedem, u la sar bniedem, Ġesù wkoll kellu jmut, jagħti ħajtu għall-fidwa tagħna. Ġesù jrid jgħallimna li aħna wkoll irridu mmutu għad-dinja, jiġifieri ma norbtux qalbna mal-ħwejjeġ li jgħaddu.

*"X'ħjin narawk Bambin hekk ħelu,*
*Donnok tgħajjat lill-bnedmin;*
*Aħna nifhmu li għax tħobbna,*
*Ġejt issalva l-midinbin."*

Illum naraw lil Ġesù Bambin, kollu ħlewwa. Imma huwa ma baqgħax tarbija, iżda kiber bħalna lkoll, u biex jurina kemm hi kbira l-Imħabba t'Alla għalina, ta ħajtu għalina, avolja lkoll midinbin. Kemm għandna mela noqogħdu attenti biex ma nħallux id-dnub ikompli jġib tbatija fid-dinja.

*"Nadurawk mela ma l-Anġli,*
*Ġo dan l-għar Ġesù Tarbija,*
*nadurawk u bik nitgħaxxqu,*
*ma' Ġużeppi u ma' Marija."*

Kemm kellhom xorti kbira Marija u Ġużeppi, kif ukoll l-Anġli. U kemm għandna x'nitgħallmu minnhom ilkoll. Marija u Ġużeppi baqgħu mistgħaġbin b'dak kollu li raw, u fis-skiet aduraw lit-Tarbija, għax emmnu li kien il-Messija Bin Alla l-Għoli. Is skiet tagħhom jgħallimna nammiraw il-kobor t'Alla fil-ħolqien kollu tiegħu, u l-Anġli jgħallmuna nfaħħru 'l Alla bil-kant u kliem għal kull ma Alla jagħmel magħna.

'Il-kant ħelu qed nisimgħu,

Kant ta' l-Anġli tas-smewwiet,
Gloria 'l Alla magħhom nagħtu,
F'dan il-lejl tal-Milied."

IKUN IMFAĦĦAR 'Ġesù' BAMBIN

# Il-Milied fl-Arti

**minn Alfred Palma**

Il-Milied kien dejjem sors ta' ispirazzjoni f'kull qasam tal-arti, partikolarment fil-pittura, u tista' tgħid kull artist li jirrispetta lilu nnifsu, dejjem ra (u għadu jara) li jpinġi xi xena jew oħra mit-twelid tal-Feddej. Fil-mużika wkoll, insibu bosta kompożituri li sawru kapolavuri kbar fuq il-ġrajja tal-Milied, bħal ngħidu aħna l-Oratorju *Messiah* ta' Handel, biex ma nsemmumx iċ-ċelebri *Cantique de Noël* (*O Holy Night*), ta' Adolph Adam, minbarra opri sħaħ, bħal *Amahl and the Night Visitors* ta' Gian Carlo Menotti u bosta opri oħra li l-ġrajja tagħhom isseħħ fil-jiem tal-Milied, bħal *La Bohème* ta' Puccini u l-*Werther* ta' Massenet. Ta' min isemmi wkoll il-ballet ċelebri ta' Tchaikovsky *Nutcracker*, li issa ilu sewwa li sar parti mill-ispettaklu teatrali f'dawn il-ġranet hekk sbieħ, u tista' tgħid jittalla' fuq kull palk prestiġjuż li jkun irid jagħmel ħoss u jattira udjenza numeruża.

Fil-letteratura wkoll insibu bosta xogħlijiet ispirati mill-Milied, forsi l-aktar popolari il-*Christmas Carol* ta' Charles Dickens. Imbagħad ta' min isemmi *The Gift of the Magi* ta' O. Henry, *The Little Match* Girl, ta' Hans Christian Anderson, *A letter from Santa Claus* ta' Mark Twain, u *The Selfish Giant* ta' Oscar Wilde.

Ma jistax jonqos l-għadd bla qies ta' poeżiji li nkitbu u għadhom jinkitbu bit-tema tat-twelid ta' Kristu, u huma bosta dawk li jiddarrsu xi ftit meta jirċievu xi kartolina li tinjora għal kollox din il-ġrajja hekk kbira, biex turi daqsxejn ta' siġra mżejna jew xi għarix miksi bil-borra!. Insomma, kulħadd gostih! B'danakollu nemmen li dak li jkun xorta waħda jifraħ bil-kliem ta' awguri tajba li f'dawn iż-żminijiet nixtieq√u lil xulxin, u żgur li jidħol fl-atmosfera.

Għax ngħiduha, l-arti żżid tkattar fina aktar għarfien tal-Milied u tkompli tkebbes f'kull wieħed u kull waħda minna l-ferħ misterjuż li dawn il-jiem għeżież għadhom (u nittama li jibqgħu) ikebbsu f'qalb il-bniedem.




# our financing packages are for real

Dreaming of purchasing a new car? Make your dreams a reality. We have the right financial package for you. Talk to us today.

*Your success is our goal.*

**BOV PERSONAL LOANS**

**2131 2020 | bov.com**

Personal Loans are subject to normal Bank lending criteria and final approval from your BOV branch. Terms and conditions apply.

Issued by Bank of Valletta p.l.c. 58, Zachary Street, Valletta VLT 1130 - Malta

BOV
Bank of Valletta